# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

FRAR 2006 – IS-26 SENA – GĦADD 257 – NEWSPAPER POST – ISSN 1811-5373









# werrej

















3 **Ħbatna ma' sikka**
Editorjal

4 **Bibbja - Min Qalhom**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Tberik tal-ġebla tax-xewka tal-knisja l-ġdida**
minn P. Spiro Galea OFMCap

10 **Missjoni**

11 **Il-Kummissarju tat-Tfal**
minn Dr. Bernice Gauci B.A., LL.D

12 **Kristjaneżmu**
minn Romina Azzopardi

14 **Esperjanza**
minn Emily Barbaro Sant

15 **Appostolat ta' Talb**

16 **Il-Ministeru tal-Kura tal-Morda u l-Franġiskani matul iż-żminijiet (2)**
minn Dr Mario Saliba M.D.

17 **Ġi.Fra.**
minn Keith Spiteri

18 **Kuba**
minn P. Philip Cutajar OFMCap

19 **Għaqda Nisa Sta. Liberata**
minn Tessie Gatt

20 **OFS**
minn P. Frans Abela Giusti OFMCap

21 **Saħħtek**
minn Dr Tonio Piscopo
MD, MRCP (UK), DTM&H (Lond.)

22 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

23 **Mużew Provinċja**
minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap

24 **Kultura Franġiskana**
minn Fr. Andrè Azzopardi OFMCap

26 **Mhux bil-ħobż biss**
minn Romina Azzopardi

28 **Kristjaneżmu**
minn Bernard Cauchi u Michael Grech

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Vokazzjoni**
minn Sr Francis Hilary Warrington


**Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14**



Qoxra:
xxxx xxxxx


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Viċi Editur**
Andrè Azzopardi OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGħ**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.
Tel: 2144 0083

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2006
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini

# ĦBATNA MA' SIKKA



ELSHEIMER, Adam - St Paul at Malta - c. 1600 - Oil on copper, 17 x 21 cm - National Gallery, London

**Ix-xahar ta' Frar u l-festa tan-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl huma xi ħaġa li jmorru flimkien. Il-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli, fil-kapitli 27 u 28, San Luqa jagħtina deskrizzjoni sabiħa u qawwija ta' dak kollu li għadda San Pawl minnu sakemm wasal Ruma. Hi ġrajja mimlija tifsiriet li nistgħu nisiltuhom mill-esperjenzi li ngħaddu minnhom f' ħajjitna.**

***"Imma f'daqqa waħda qam riefnu qawwi… il-ġifen inqabad u ma setax iżomm kontra r-riħ; u aħna ntlaqna għall-qawwa tar-riħ u ħallejnieh iġorrna"*** (Atti 27:15). Mill-esperjenzi li ngħaddu minnhom aħna wkoll nilmħu waqtiet li fihom iqumu l-irwiefen qawwija. Mhux l-ewwel darba li ħajtek tkun qisha dgħajsa għaddejja f'baħar kalm sakemm tinqala' problema fil-familja, xi marda, issir xi nġustizzja miegħek, eċċ., li ma tħallikx iżjed kwiet. Tispiċċa titlef il-paċi ta' qalbek. Tibda tara li l-pjanijiet li kellek, quddiem dan il-għawġ li ltqajt miegħu, intemmu u saru xejn. Dan hu l-mument li tħossok waħdek, bla saħħa u bla direzzjoni. Tispiċċa tħalli r riħ "iġorrok" miegħu.

Forsi mhix l-esperjenza tagħna meta xi drabi għalina, ***"la dehret xemx u lanqas kwiekeb; it-tempesta li qabditna ma kinetx ħafifa, hekk li fl-aħħar tlifna kull tama li nsalvaw"*** (Atti 27:20). Dan hu l-mument li jkun l-aktar iebes. Dan hu l-mument fejn forsi ddur fuq dawk li kont torbot fuqhom f'ħajtek u taħseb li se ssibhom f'mumenti bħal dawn, imma ssib li ħallewk waħdek. Jista' jkun ukoll li Alla jiskot. Donnu għeb mix-xena. Titlob kemm titlob kollu għalxejn. Hu faċli li f'mument bħal dak tibda titfa' l-affarijiet il-baħar bħal m'għamlu l-ekwipaġġ tal-ġifen ta' San Paw.

***"Huma beżgħu li x'imkien konna se naħbtu ma' xi sikka, u għalhekk niżlu erba' ankri mill-poppa"*** (Atti27:29). Dan hu l-mod kif jien inġib ruħi f'sitwazzjonijiet simili. Nibda naħseb li jien se nsalva ħajti u għalhekk ikun il-mument li fih jien ukoll inniżżel mhux ankra waħda, imma erbgħa. L-ankri jirrappreżentaw is-sigurtajjiet foloz tagħna. Jien naħseb li nkun bnejt ħajti fuq il-blat, imma fil-fatt kollox ikun mibni fuq ir-ramel. Hemmhekk jiġu l-irjiħat, iqumu t-tempesti, jgħaddu l-ilmijiet qliel u dik id-dar tiġġarraf f'ħakka t'għajn. Hekk ukoll jiġri minn dak li naħsbu li stajna serraħna rasna minnu. Int taħseb mod u jiġri ieħor

Iżda l-Mulej ma jħalliniex orfni f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Huwa hu r-ragħaj it- tajjeb li jmexxi l-merħla tiegħu f'mergħat kollhom ħdura. Mhuwiex il-mikri li kif jara l-lupu jaħrab jiġri u jħalli l-merħla tinfirex u ssir ħerba. Il-Mulej Ġesù hu dak li jipprovdi l-ħobża ta' kuljum lil min m'għandux, l-ilma ħaj li min jixrob minnu qatt ħadd ma jaqbdu l-għatx u l-ħatar li tista' sserraħ miegħu meta taħkem l-għejja.

Kuraġġ! Is-sikka bejn iż-żewġ kurrenti (Atti 27:40-41) se tgħinnek isserraħ iżjed fuq il-Mulej. Se tkissirlek is-sigurtajiet foloz li bnejt maż-żmien biex tkompli terħi iżjed f'idejh u tafdah. •



# Min Qalhom?

**Fl-iskrittura naqraw ħafna diskorsi li jingħad li ntqalu minn ċerti nies. Hekk, ngħidu aħna, 'l-Għanja ta' Ġuditta' wara r-rebħa tagħha, jew 'l-Innu ta' Tifħir' li għamel Żakkarija meta twieled San Ġwann u 'l-Innu ta' Tifħir' ta' Marija meta ltaqgħet ma' Eliżabetta u ħafna oħrajn. Iżda żgur li ma kienx hemm xi ħadd li qagħad jisma' u jikteb dan il-kliem. Allura x'importanza għandna nagħtuhom?**

Biex inwieġbu sewwa għal dawn id-diffikultajiet u għal oħrajn bħalhom li nsibu fil-Kotba Mqaddsa, irridu naraw f'kull każ x'inhi l-forma letterarja tal-ktieb li jkun jew ta' xi partijiet minnu.

Bil-forma letterarja nifhmu dik it-tip ta' letteratura li jkun għażel u fehem l-awtur meta ġie biex jikteb. Hekk fil-każ ta' l-istorjografija bibblika, nafu li hemm kotba bi stejjer li ġraw tassew fil-ħajja u oħrajn b'rakkonti fittizji bl-iskop li jwasslu t-tagħlim li permezz tagħhom ikunu fehmu jagħtu l-awturi. Biex nagħtu eżempju sempliċi, il-parabboli ta' Ġesù fl-Evanġelji. Bħal dawn għandna kotba sħaħ fil-Bibbja. Huma ta' stil narrattiv, iżda mhumiex fuq l-isfond storiku u jirrappreżentaw ċirkustanzi varji fl-istorja ta' Iżrael b'żidiet mill-awturi skond l-iskop didattiku tagħhom. Wieħed mill-kotba ta' din il-forma hu l-Ktieb ta' Ġuditta. L-awtur jippreżentalna l-istorja sabiħa ta' dik il-mara qalbiena li bis-saħħa tal-fiduċja li kellha f'Alla waslet biex qatgħet b'idejha stess ras Oloferne, l-għadu tal-Lhud, u ħelset lil beltha u lil ġensha mill-qerda sħiħa li kien hemm lesta għalihom. Imbagħad daħlet ferħana fil-belt ta' Betulja ġġorr ras Oloferne u tfaħħar lill-Mulej Alla ta' Iżrael:

**"Għannu bit-tnabar lil Alla;**
**għannu biċ-ċimbali lill-Mulej;**
**insġulu salmi u innijiet;**
**faħħruh u sejħu ismu"** (Ġud 16:1-17).

Dan hu l-bidu ta' l-innu li bih Ġuditta faħħret u raddet ħajr lil Alla. Aħna nifhmu li dan l-innu kollu ma kienx 'irrekordjat'; żgur li ma kienx hemm xi ħadd li qagħad jisma' u jikteb dan il-kliem. Nifhmu li dan l-innu hu kollu kompożizzjoni ta' l-awtur biex bih ifisser is-sentimenti sbieħ ta' Ġuditta skond l-ispirtu tar-rikonoxxenza tagħha lejn il-Mulej Alla.

Kif il-ktieb kollu hu kompożizzjoni fittizja, għalkemm fuq sfond ta' ċirkustanzi storiċi u folkloristiċi, hekk ukoll hu l-innu ta' tifħir li, skond l-awtur, għanniet Ġuditta b'raddilħajr lil Alla. L-awtur ikkompona dan l-innu jew forsi sabu miktub x'imkien u qiegħdu fuq fomm Ġuditta biex juriha qiegħda tfaħħar 'l Alla għar-rebħa li taha fuq l-għadu ta' ġensha.





B'daqshekk, billi dan l-innu ma qalitux Ġuditta iżda kien l-awtur li qegħdhulha fuq fommha, ma jitlef xejn mill-importanza tiegħu. L-importanza u l-valur ta' dak li naqraw fil-Bibbja hu dejjem il-messaġġ salvifiku li l-awturi sagri, ispirati minn Alla, fehmu jwasslulna bil-kitba tagħhom sew jekk kitbu stejjer veri u sew jekk stejjer finti. F'dan il-każ ta' l-'istorja ta' Ġuditta' l-awtur jgħallimna li Alla kien dejjem mal-poplu tiegħu, Iżrael, biex jeħilsu mill-għedewwa; u bl-innu li hu qiegħed fuq fomm Ġuditta jgħallimna li bħalha għandna nagħrfu li r-rebħiet tagħna niksbuhom dejjem bl-għajnuna ta' Alla u mhux il-ħila tagħna – u ta' dan għandna dejjem irroddulu ħajr.

Hekk ukoll nistgħu ngħidu għall-innu ta' tifħir li għamel Żakkarija meta twieled ibnu Ġwanni (Lq 1:65-79), u wkoll għall-innu li bih, skond San Luqa, Marija faħħret il-kobor tal-Mulej (Lq 1:46-55).

Hu miżmum li ż-żewġ innijiet (il-Benedictus u l-Magnificat) kienu jeżistu qabel fit-tradizzjoni tal-Lhud insara. It-tnejn fihom versi jaqblu mas-Salmi; u l-innu ta' Marija jaqbel ħafna ma' l-innu ta' Anna, omm Samwel (1Sam 2:1-10). San Luqa sabhom lesti fit-tradizzjoni li minnha ħa l-kontenut ta' l-Evanġelji ta' l-Infanzja. Seta' żied magħhom xi versi biex adattahom aħjar għall-iskop tiegħu. Imbagħad qegħedhom rispettivament fuq fomm Żakkarija u fuq fomm Marija biex bihom jurihom qegħdin ifissru s-sentimenti sbieħ tagħhom ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla.

Dan ma jfissirx li Żakkarija u Marija ma faħħrux tassew lil Alla għal dak li għamel magħhom. Imma ma nistgħux ngħidu li huma faħħru lil Alla u raddewlu ħajr sewwa sew bil-kliem ta' dawn l-innijiet jew bi kliem ieħor bħalu. San Luqa fisser kliemhom b'dawn l-innijiet li hu qegħdilhom fuq fommhom. Bihom ukoll fisser is-sentimenti għolja tar-rikonoxxenza tagħhom.

Fil-każ ta' l-innu ta' Marija – ukoll jekk ma kkomponitux u ma qalitux hi – dan ma jnaqqas xejn mid-dehra sabiħa tal-qdusija tagħha kif narawha mfissra bi "kliemha" f'dan l-innu. Anzi l-fatt li San Luqa qegħdilha fuq fommha dan l-innu jfissrilna l-qima u l-opinjoni għolja li kellu tagħha. U billi l-Evanġelista hu rappreżentant tal-komunità nisranija ta' żmienu u xhud tal-fidi tagħha, jgħarrafna li l-insara ta' żmienu (85-90 wK) kellhom diġà ħsibijiet sbieħ u għolja fuq Marija, Omm Ġesù. Il-kliem tal-Magnificat jirrivela l-ispiritwalità għolja ta' Marija, is-sens ta' l-umiltà tagħha quddiem Alla u tal-fiduċja tagħha fih. Fl-istess ħin jgħarrafna bil-kobor tagħha quddiem Alla li għamel magħha ħwejjeġ kbar. Hekk kienu jarawha u jħarsu lejha l-insara ta' l-ewwel żmien.

F'dan is-sens – li l-Magnificat ma qalitux Marija, iżda qegħdhulha fuq fommha l-Evanġelista – dan l-innu ma jitlef xejn mill-importanza tiegħu, anzi jikseb valur aktar fil-qima tagħna lejha, għax ifissrilna aktar il-qima li kellha lejha l-Knisja ta' l-ewwel ġenerazzjoni ta' l-insara, aktar milli kellha hi tagħha nnifisha. Tassew, kull nisel isejħilha "hienja", sa mill-ewwel nisel! •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

**Il-bniedem riflessiv ma huwiex mazzun. Huwa jaf jirrifletti fuq dak li jkun qed jara, jisma' jew jaqra, u qatt ma jibla' dak li jolqot is-sensi tiegħu. Jaf jixtarr kollox. Nistgħu napplikaw għalih kliem San Pawl, meta qal: "Il-bniedem spiritwali jgħarbel kollox, u lilu ma jgħarblu ħadd" (1Kor 2:15). Persuna li taf taħseb hekk iġġib ruħha fis-sitwazzjoni li se nipprova nfisser.**

## *SLOGANS* DJABOLIĊI

Il-misteru tal-ħażen (2Tess 2:7), li jmur kontra l-misteru tat-tjieba (1Tim 3:16), fi żmienna qed juri ruħu fl-espressjonijiet li qed jiġu vvintati minn xi wħud b'ħażen tassew djaboliku, ħalli jimpressjonaw lill-oħrajn bihom u jqabbduhom it-triq tal-ħażen.

Biex l-abort jibqa' jsir, anzi jiżdied – statistikament isiru 55 miljun operazzjoni abortiva kull sena fuq skala internazzjonali – ġiet imnedija u mxerrda espressjoni li tgħid: *"Aħjar tagħmel abort milli jinqala' l-inkwiet."* Meta persuna toħroġ tqila barra ż-żwieġ, disgħa u disgħin fil-mija jinqala' l-inkwiet. Tista' tkun tfajla li tisfa' mtaqqla mill-għarus tagħha jew bi stupru (rape), u tgħalli l-ġenituri tagħha; tista' tkun armla li toħroġ tqila ftit wara l-mewt ta' żewġha, u nies ir-raġel mejjet tagħha u niesha tgħidx x'jagħmlulha; tista' tkun xebba li toħroġ tqila minn raġel barrani li, kif isir jaf x'ġara, idabbar rasu ħelu ħelu, għax kellu *open ticket*, u tgħidx x'pandemonju jinqala' fil-familja tagħha; tista' tkun mara miżżewġa u tgħidx f'liema infern issib ruħha ma' żewġha.



Għal ċirkostanzi bħal dawk li għadni kemm irriferejt għalihom, ġie maħsub is-*slogan* li semmejt iżjed 'il fuq. Huwa *slogan* li jmelles il-widna ta' persuna li tkun sabet ruħha mtaqqla, tort tagħha jew le, u tkun beżgħana b'dak li jista' jinqala' minħabba f'hekk. Jekk tkun semgħet b'dak is-*slogan*, tgħidlek li aħjar tagħmel abort u ma jinqalax inkwiet minħabba f'hekk, milli tħalli t-tqala tavvanza u t-tarbija titwieled. Minħabba t-tonalità tas-*slogan*, persuna li tkun inqabdet tqila tista' taħseb li iżjed ħażin jekk taqla' l-inkwiet bit-tqala tagħha, milli jekk tagħmel l-abort. Fil-każ, din trid toqgħod attenta biex l-abort ma tagħmlux, għax il-każ hu bil-maqlub.

Tfajliet, għarajjes, nisa miżżewġin, xebbiet u romol iridu joqogħdu b'seba' mitt għajn mill-abbużi li hawn. Jekk jagħmlu żball u jinqabdu, jew xi ħadd juża l-forza fuqhom u jħallihom b'tarbija, ma jaqblilhomx, minħabba l-inkwiet li jista' jinqala', ikomplu jikkomplikaw is-sitwazzjoni tagħhom, billi jmorru jagħmlu l-abort. Ikunu qed jitfgħu lilhom infushom f'inkwiet ikbar ta' natura morali u psikoloġika, avolja ħadd ma jkun induna b'dak li jkunu għamlu.

**Mulej Ġesù, għinni, ħalli l-espressjonijiet żejda li hawn jiċċirkolaw fostna bi ħsieb, qatt ma jkaxkruni għal warajhom bi ħżunithom, jekk insib ruħi f'sitwazzjoni mwiegħra.**

## SKOND MIN

Ċerti espressjonijiet perikolużi trid tara minn liema fomm joħorġu. Jistgħu joħorġu minn fomm it-tali u ħadd ma jagħti kashom, għax dik il-persuna ma tkunx ikkalkulata. Jista' jgħidhom ieħor li, għax huwa popolari u għandu personalità, kull ma jgħid huwa oraklu, Evanġelju, Kredu għal ħaddieħor.

Elton John, kantant Ingliż ta' fama, li milux kien fostna, xi żmien ilu kien ħareġ bi bravura. Qal espressjoni li tgħidx kemm tinstema' sabiħ għall-widna, Imma hlja velenuża għar-ruħ! Qal forsi mdakkar mill-Franċiżi: *"Everyone needs a part-time lover."* Xi ħlew, ngħidulu lil dan il-kantant magħruf!

Inti tkun qiegħed tajjeb fiż-żwieġ tiegħek, jew tkun omosesswali jew lesbika, jew ittentat ta' spiss biex tfittex okkażjoni tad-dnub u espressjoni bħal dik tkun tonqsok biex tiddeċiedi tagħmel dak li ma jixraqx. L-espressjoni ta' Elton John ma tħajrekx tobdi l-kuxjenza tiegħek, imma ssuqek biex tobdi kliem il-kantant Ingliż, li jwassal għall-mewt għax iqabbad it-triq għall-abbużi morali. L-istess ħaġa tagħmel espressjoni vojta oħra din id-darba ta' Glynn de Moss, ministru Battista u marriage counsellor Amerikan. Meta żżewweġ it-tnejn u għoxrin darba, kien qal: *"Divorce does not upset me. It's another racoon skin on the wall."*

Kemm huma bravi ż-żewġ persuni li semmejt għall-espressjonijiet li ħarġu bihom! Madankollu ħafna jiggustawhom u lilhom jobdu, għax id-dinja hekk magħmula!

**Mulej, ħarisni mill-bnedmin li l-ħajja ta' din l-art sehemhom.**

## XOGĦOL IL-BIBBJA

Fil-Knisja hawn Moviment Bibliku qawwi ħafna. Il-Bibbja qatt ma kienet fl-idejn daqskemm hi llum. Terġa' u tgħid, anki min ma jafx jaqra qed jiġi f'kuntatt mal-Kelma ta' Alla permezz tal-Bibbja rikordjata fuq tape jew fuq CD. Dan l-aħħar fi gżiritna ħarġet cdRom li ħadet ħsiebha l-Għaqda Biblika Maltija. Fiha hemm inċiża l-Bibbja kollha.

Tieħu pjaċir tinnota kemm hawn lajċi li saru midħla tal-Kelma ta' Alla. Għandhom ħafna mill-partijiet tal-Bibbja mmarkata. Ħafna minnhom jafu kapitli sħaħ bl-amment daqskemm jaqrawha ta' spiss, speċjalment dawk it-talin li huma membri tas-Soċjetà tal-Museum, tar-Renewal, tan-Neokatekumenali, tal-Fokolarini, kif ukoll ta' gruppi oħrajn.

L-għajta fil-Knisja hi biex naqraw il-Bibbja, għax fiha l-kelma tal-ħajja. Iżda Malcolm de Chazal (1902-1981), kittieb Mawrizjan, pittur u viżjonarju, li milli jidher kien familjari ħafna mal-Kotba Mqaddsa, kien ġibdilna l-attenzjoni dwar fatt importanti ħafna, li ninnutawh meta l-Iskrittura Mqaddsa ssir il-ħena ta' qalbna. B'intwizzjoni kbira kien qal li l-Bibbja ma hix ktieb li aħna għandna naqraw, imma ktieb li rridu nħalluh jaqrana. Ma setax jgħid ħaġa aħjar minn din.

Il-Kelma ta' Alla kapaċi turina min aħna tassew u, waqt li tagħmel hekk, tqawwina biex ma nagħmlulhiex reżistenzi la kbar u lanqas żgħar. B'hekk inħalluha tqaddisna, għax kull kelma li fiha hija sagramentali.

**Mulej, agħrbilni u agħrafni permezz tal-Kelma setgħana tiegħek u mexxini fit-triq ta' dejjem.**

## IR-RELATTIVIŻMU MODERN

Id-dinja ta' llum, l-aktar l-Ewropa, tinsab taħt il-ħakma u t-tirannija tar-relattiviżmu modern: ideoloġija filosofika, mentalità u kostum soċjali. Kellu raġun Josef Ratzinger malli laħaq Papa tkellem dwar id-dittatura tar-relattiviżmu. Min ma huwiex għassa fuqu nnifsu u, minħabba f'hekk, diġà nqabad fin-nassa kiefra tar-relattiviżmu diffiċli ħafna biex issa jinħeles minn taħt idejh. Huwa kiefer u ma tiġih ħniena minn ħadd, speċjalment mill-insara.

Ir-relattiviżmu huwa suġġettiv. Kollox kif taħseb int, kollox kif jidher lilek, kollox kif tħoss int. Jiċħad dak kollu li hu assolut, jiġifieri permanenti, li jibqa' għal dejjem mingħajr ma jbiddluh iż-żminijiet: prinċipji, liġi naturali, kmandamenti ta' Alla, biex isir assolut hu... Jirriklama ħafna l-libertà individwali u, waqt li jagħmel hekk, ixejjen il-libertà ta' kull min iħaddnu, għax dan jissaħħar mill-ideat perikolużi tiegħu.

Il-Knisja tista' tgħid li hija għalkollox kontra r-relattiviżmu modern, għax għandha rispett kbir lejn il-libertà tal-bniedem. Dan ikun tassew ħieles mhux meta jagħmel li jrid, imma meta jmexxi ħajtu fuq ir-raġun li Alla żejnu biha u fuq il-liġi ta' Alla li ma hix dispotika. imma raġonevoli, għax issaħħaħ l-istess raġuni, avolja għar-relativiżmu hija fundamentalista. •

**Mulej, tippermetti qatt li nkun vittma tal-ħażen ta' ċerti filosfi ta' llum.**

# TBERIK TAL-ĠEBLA TAX-XEWKA TAL-KNISJA ĠDIDA - EMMAUS





Fir-raħal ta' Emmaus li huwa 6km bogħod miċ-Ċentru ta' Hola għandna komunità sabiħa ta' Kattolici li tlaħħaq madwar it-800 ruħ u l-knisja li nbniet fis-sena 1979 saret zgħira biex joqogħdu n-nies kollha li jiġu għall-quddiesa tal-Ħadd. Infatti t-tfal ikollhom joqogħdu mgezzin fuq it-tapiti fil-passaġġ sa ħdejn l-artal. Ilu jinħass il-bżonn li nibnu knisja kbira u spazjuża li tkun kbira biżżejjed għall-ħtiġijiet ta' llum.

Wara li ddiskutejna mal-gruppi tas-Small Christian Communities x'l-aħjar li jsir u f'liema post, ġie deċiż li n-nies tal-post joffru l-art b'xejn u jagħtu s-sehem tagħhom fix-xogħol manwali, i.e. tħaffir tal-pedamenti u ġarr tar-ramel u aħna nippruvaw insibu benefatturi li jistgħu jgħinuna biex nibdew ix-xogħol. Bdejna t-tħaffir tal-pedamenti fil-15 ta' Frar 2005 u x-xoghol beda miexi 'l quddiem. Ħsibna x'nistgħu nagħmlu biex il-bidu ta' din il-knisja jista' jibqa' mfakkar anki għal dawk li jiġu warajna. Iffissajna d-data għas-17 t'April meta b'xorti tajba kellu jkun hawn fostna l-Provinċjal, Fr Joe Alessandro u anki hu jista' jmexxi l-funzjoni u jbierek il-ġebla tax-xewka. Hu aċċetta bil-ferħ l-istedina u wasal il-jum mistenni. Inġabru n-nies mill-irħula l-oħra u ġew biex nifirħu flimkien.

Bdejna l-konċelebrazzjoni mmexxija mill-Provinċjal Fr Joe Alessandro assistit mis-Superjur Fr Isidor Peterkens, il-vici Provinċjal tal-Viċi Provinċja {enerali tal-Kenja u l-kappillan Fr Joe Galea kif ukoll Fr Spiro Galea, Fr Andrew Kokany u Fr Jose Luis Orpella. Iċ-ċelebrazzjoni kienet imżewqa bil-kant u ż-żfin tat-tfal. Fl-omelija Fr Isidor spiega kif kull nisrani huwa ġebla ħajja li tfisser il-kontinwità tal-knisja ħajja u mhux biss il-bini. Kull nisrani huwa missjunarju permezz tal-magħmudija u aħna lkoll msejħin biex nagħtu s-sehem tagħna fil-bini ta' knisja ħajja. Wara li spiċċat il-quddiesa morna proċessjonalment fil-post fejn qed tinbena l-knisja l-ġdida u l-Provinċjal bierek il-ġebla tax-xewka u poġġieha fil-post megħjun mill-bennejja. Imbagħad rġajna lura fil-pjazza ħdejn il-knisja u kellna divertiment u kant mill-kor tal-parroċċa.

Ix-xjuħ tar-raħal riedu juru l-istima u r-rispett lejn iż-żewġ mistiedna ta' l-unur, i.e. il-Provinċjal u Fr Isidor billi għamluhom (Elders) Wazee tat-tribu Pokomo. Allura ħaduhom f'kamra wara l-knisja u libbsuhom bl-ilbies tradizzjonali u tawhom il-bastun u preżentawhom fost il-kant u żfin tradizzjonali lil dawk li kienu preżenti. Tawhom ukoll xi rigali bħala tifkira.

Iċ-chairman tal-knisja irringrazzjahom f'isem kulħadd talli għoġobhom jiġu u jmexxu l-funzjoni. Kull min kien preżenti ma naqasx li jieħu mug tè u ftit mandazi. Kienet ġurnata li tibqa mfakkra fl-istorja tal-parroċċa ta' Hola għaliex f'dawn il-ġranet ukoll konna qed nistennew l-għażla tal-Papa l-ġdid, il-Vigarju ta Kristu.

L-isfida li għandna quddiemna hija li nkomplu mixjin bil-bini tal-knisja mingħajr ma ninsew li aħna lkoll ġebel ħaj li rridu nkunu magħqudin ma' Kristu u l-Knisja ħajja fuq l-art. •



# SITWAZZJONI MWIERGĦA U GRAVI ĦAFNA



Mons. Pawlu Darmanin OFMCap, Isqof tad-Djoċesi ta' Garissa, il-Kenja, fid-dawl tan-nixfa li għal dawn l-aħħar xhur ħakmet lid-djoċesi vasta tiegħu u li ħolqot sitwazzjoni ta' skarsezza ta' ikel li qed twassal lil għadd ta' bnedmin u bhejjem imutu bil-ġuħ, jappella b'responsabbiltà għall-għajnuna finanzjarja. Fiduċjuż li l-appell tiegħu mhux se jaqa' fuq widnejn torox, Mons. Isqof kiteb lis-Segretarjat tal-Missjoni tal-Provinċja Kapuċċina u lill-Kummissjoni Missjoni Parrokkjali ta' San Ġwann.

Kemm is-Segretarjat kif ukoll il-Kummissjoni immedjatament wieġbugħat-talba ta' l-Isqof bil-fondi li għandhom f'idejhom. F'isem Mons. Isqof Pawlu Darmanin u l-Kenjani milquta minn din it-tbatija, l-istess Segretarjat u l-Kummissjoni jappellaw lill-qarrejja ta' Dawl Franġiskan biex juru mħabba ma' dawn in-nies fis-siegħa mwiergħa u serja ħafna.

**Email ta' Mons. Isqof Pawlu Darmanin OFMCap**

*Għażiż Patri Leonard,*

*Tislijiet sbieħ minn Garissa, fil-waqt li nispera li tinsab tajjeb.*

*Qed niktiblek dan l-email urġenti minħabba is-sitwazzjoni kerha ħafna li għanda fin-North Eastern Province. Fil-waqt li qegħdin niċċelebraw il-Milied għandna wkoll ĦAFNA NIXFA (SENTEJN MINGĦAJ XITA U NIES U ANNIMALI QEGĦDIN IMUTU). Jekk tara in-Nation fuq l-internet ta' l-24 ta' Diċembru, jkollok idea aħjar. Leonard, bħal ma taf, għalkemm ma nistgħux inlaħħqu mas-sitwazzjoni kollha, però l-Knisja dejjem għenet ħafna speċjalment lil dawk viċin u li nistgħu nleħħqu magħhom.*

*Il-gvern għamel appelli kbar kemm lill-gvernijiet (l-Ingliżi bagħtu somma mhux ħażin) u lill-NGOs u l-Knejjes. Napprezza ħafna jekk il-Kummissjoni Missjoni Parrokkjali tista' tgħinna. Għandi nżur Wajir - Mandera fil-bidu tas-sena li ġejja. Nixtieq li nkun nista' noffrilhom l-għajnuna li tagħmel differenza. Qed nikteb urġenti lill-Missio ukoll u nara l-Catholic Secretarjat - almenu meta jerġgħu jidħlu l-uffiċċju.*

*Len, anki jekk għalissa jkun hemm wegħda li tintbagħat 'il quddiem inkun nista' nuża fondi ta' proġetti oħra li għadhom kif waslu minn Ruma għax is-sitwazzjoni hija vera kerha.*

*Len, Nirringrazjak bil-quddiem.*

*Inselli għalik ħafna,*

*Paul*



## MONS. ISQOF PAWLU DARMANIN JIRRINGRAZZJA U JAPPREZZA GĦALL-OFFERTI LI QEGĦDIN JASLULU

Jiena diġà ċempilt lill-parroċċi biex jixtru l-ikel li jistgħu. Jiena għandi ninżel lejn Bura-Hola-Wenje nhar it-Tnejn - 2 ta' Jannar - peress li l-Ħadd inkun hawn. Wara nispera li nkun għall-Epifanija Wajir ( Il-Ħadd) u wara nibqa' tiela El Wak u Mandera. Ċert li nkun nista' nitkellem magħhom aħjar, imma diġà awtorizzati li jixtru dak li hemm bżonn. Jiena sa nixtri ammont ta' ħalib mingħand Shakil u nqassmu kullimkien.

Veru li mhux sa nsolvu l-problemi kollha, però huwa sinjal qawwi u ċar ta' l-interess u l-imħabba fil-batut u f'min hu bil-ġuħ. Ċert li tagħmel differenza kbira għal min jirċievi l-għajnuna li għandu bżonn.

Len, nirringrazzjak mill-ġdid u niltaqgħu ma ndumux. Jiena nżommok infurmat.

Grazzi ħafna, Paul.



# Il-Kummissarju tat-Tfal /2

**Il-liġi dwar il-Kummissarju tat-Tfal, li tinsab fil-Kapitolu 462 tal-Liġijiet ta' Malta, hija innovattiva għall-fatt illi tippreżenta prinċipji ġenerali b'mod espliċitu. Il-Kummissarju tat-Tfal għandha għalhekk taġixxi skond ħames prinċipji li nistgħu nirriduċuhom għal tliet prinċipji fundamentali.**

Dawn huma:

- l-aqwa interess tat-tfal,
- il-prinċipju ta' l-ugwaljanza, u għalhekk in-nuqqas ta' diskriminazzjoni,
- u t-tielet prinċipju huwa l-parteċipazzjoni tal-minorenni.

Dawn il-prinċipji tant huma importanti li nsibuhom saħansitra fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-Ġnus Magħquda.

## Il-Funzjonijiet tal-Kummissarju tat-Tfal

Fl-imsemmi kapitlu nsibu żewġ listi li jiddeskrivu l-funzjonijiet kollha tal-Kummissarju tat-Tfal. Fi ftit kliem, il-Kummissarju għandha:

- tippromwovi tagħrif dwar id-drittijiet tat-tfal u tinforma lill-pubbliku dwar ir-rwol tagħha;
- tasserixxi d-drittijiet tat-tfal fil-qafas legali u dak amministrattiv;
- tara li s-servizzi li jeżistu għat-tfal huma ta' livell adegwat jiġifieri li jkunu aċċessibbli, ibbażati fil-komunità, koordinati u integratl, inklusivi ta' sess, kultura u lsien, u jwieġbu għall-ħtiġiet individwali;
- tinvestiga kull ksur allegat tad-drittijiet tat-tfal.

Kemm il-kapaċità tal-Kummissarju tat-Tfal li tisma' x'għandhom xi jgħidu t-tfal, kif ukoll l-għerf u l-esperjenza tagħha fuq is-suġġett flimkien ma' l-użu essenzjali tal-media kienu kollha importanti sabiex jintlaħaq l-iskop li għalih ġiet imfassla din il-liġi.

Fost ħafna affarijiet oħra, il-liġi timponi fuq il-Kummissarju id-dmir li tiġbor informazzjoni, u tmexxi jew tinkoraġġixxi riċerka dwar materji rilevanti għas-servizzi għat-tfal. Il-Kummissarju għandha wkoll id-dover li tiddentifika u titfa' dawl fuq il-politika u l-prattika li qed titħaddem f'pajjiżna u li tkun qed tonqos milli tirrispetta d-drittijiet u l-interessi tat-tfal. Fil-fatt, il-Kummissarju għandha tkun proattiva billi 'taġixxi ta' portavuċi għad-drittijiet, ħtiġiet u interessi tat-tfal u toħroġ bi proposti għal miżuri li jistgħu jsolvu jew jipprevjenu konflitti bejn it-tfal u s-soċjetà'.

## Il-Poteri li l-liġi tagħti lill-Kummissarju

Din il-liġi ma timponix biss doveri fuq il-Kummissarju, imma tagħtiha wkoll ammont ta' poteri li jistgħu jgħinuha f'xogħolha. Għaldaqstant il-Kummissarju tista' tagħmel investigazzjoni għal kull skop konness ma' l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħha kemm wara lment bil-miktub magħmul lill-Kummissarju minn xi persuna, jew fuq inizjattiva tal-Kummissarju nfisha. Madankollu, il-Kummissarju ma tistax tagħmel investigazzjoni dwar konflitti speċifiċi individwali bejn tfal u l-ġenituri jew tuturi tagħhom, jew bejn il-ġenituri jew it-tuturi, inklużi affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-eżerċizzju tar-responsabbiltà tagħhom ta' ġenituri u kull ħaġa oħra li taqa' taħt il-kompetenza ta' xi qorti jew tribunal stabbilit bil-liġi. F'każ bħal dan, il-Kummissarju għandha tippreżenta lil min jagħmel l-ilment ir-raġuni għaliex tkun qed tirrifjuta.

Fil-każijiet l-oħra, wara li tirċievi lment, il-Kummissarju tista' tagħżel jekk issegwihx permezz ta' investigazzjoni jew le. Inkella il-Kummissarju tista' wkoll tagħżel li tagħti parir lil min jagħmel ilment li jagħmel użu minn kull rimedju jew proċess amministrattiv jew ġudizzjarju. Meta l-Kummissarju tagħżel li tagħmel investigazzjoni, hija għandha tipprepara u tippubblika rapport tar-riżultati u għandha tinkludi fih dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jkunu jidhrulha li huma meħtieġa jew spedjenti.

Il-Kummissarju tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet għal azzjoni biex tittieħed minn persuni oħra jew minn xi korp ieħor skond kif meħtieġ jew spedjenti u tista' tippubblika dawk ir-rakkomandazzjonijiet, jekk jidhrilha li jkun hekk xieraq, bla ma tikxef l-identità tal-persuna li għaliha jkun qed jirreferi r-rapport. F'każ li tagħmel rakkomandazzjonijiet, il-Kummissarju għandha tfassal rapport fejn tfisser ir-raġunijiet għal dawn filwaqt li tibgħat kopja ta' dak ir-rapport lil kull persuna jew korp li jkunu qed jiġu rrakkomandati.

Il-Kummissarju tat-tfal tista' ukoll toħroġ 'Avviż ta' Konformità' li jkun jagħti l-fehma tagħha dwar il-mod kif ma jkunx hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Mag]quda dwar id-drittijiet tat-tfal u dwar l-azzjoni li jkollha tittieħed għar-rigward ta' dik il-konformità. Id-Dikjarazzjoni ta' Impatt fuq it-Tfal rigward xi deċiżjoni jew proposta fuq xi *policy* li tolqot it-tfal hija għodda oħra f'idejn il-Kummissarju. Din id-Dikjarazzjoni ta' Impatt fuq it-Tfal li tista' saħansitra tiġi ppubblikata għandha tispjega l-impatt probabbli fuq it-tfal tad-decizjoni jew tal-proposta fuq *policy*.

G?alkemm jidher biċ-ċar li l-Kummissarju tat-tfal m'għandhiex poteri eżekuttivi, u għaldaqstant ma tistax tintervjeni f'każijiet individwali u speċifiċi, kemm it-tfal kif ukoll l-adulti huma nkoraġġuti jikkomunikaw il-problemi tagħhom mal-Kummissarju jekk dawn il-problemi jistgħu jkunu ta' detriment għat-tfal. Huwa mbagħad f'idejn il-Kummissarju biex tiddeċiedi x'azzjoni tista' tieħu f'dak il-każ. •



# Siltiet mill-mesaġġ tal-Papa Benedittu XVI fl-okkażjoni ta' Jum Dinji tal-Morda

## 11 ta' Frar 2006: L-ewwel dehra tal-Madonna f'Lourdes

**Il-Jum Dinji tal-Morda din is-sena se jkun iċċelebrat f'Adelaide, l-Awstralja, u din l-okkażjoni se tilħaq l-qofol tagħha b'ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-katidral iddedikat lil San Franġisk Saverju, il-missjunarju tal-popolazzjonijiet tal-Lvant.**

F'din l-okkażjoni, il-Knisja mistennija tħares b'emfasi speċjali lejn it-tbatija, biex tiġbed l-attenzjoni ta' l-opinjoni pubblika dwar il-problemi konnessi ma' disturbi mentali, li bħalissa jaffettwaw 20% tan-nies kollha u li tikkonsisti f'emerġenza soċjali u reali.

Niftakar fl-attenzjoni li kien jagħti l-Papa ta' qabli, Ġwanni Pawlu II, lil dan il-Jum. Jiena wkoll, ħuti għeżież, nixtieq li nagħmel lili nnifsi preżenti spiritwalment f'dan il-Jum tal-Morda, sabiex nieqfu nirriflettu flimkien ma' dawk li qed jagħtu sehemhom f'din is-sitwazzjoni ta' mard mentali u ngħajjat għall-impenn tal-komunitajiet tal-Knisja biex jagħtu xhieda tal-ħniena kbira li Alla qed juri lejhom.

F'ħafna pajjiżi ma teżistix leġislazzjoni dwar dan u f'ħafna pajjiżi oħra ma teżisti l-ebda politika dwar l-mard mentali. Tajjeb wkoll li jkun osservat li l-fatt li hawn ħafna konflitti f'diversi bnadi tad-dinja, flimkien ma' ħafna diżastri naturali terribbli, u t-tixrid tat-terroriżmu, li qed jwasslu għal ħafna mwiet, jikkreaw trawmi mentali f'ħafna min-nies li rnexxielhom isalvaw u li joħorġu minnhom huwa diffiċli ħafna. U f'pajjiżi fejn hemm żvilupp għoli ekonomiku, l-esperti għarfu li fl-oriġini ta' forom ġodda ta' disturbi mentali nsibu wkoll l-impatt negattiv tal-kriżi tal-valuri morali. Dan iżid is-sens tas-solitudni li jimmina u jista' wkoll ikisser forom tradizzjonali ta' għaqdiet soċjali. Nibdew bl-istituzzjoni tal-familja, fejn hemm min iwarrab il-morda, speċjalment dawk li huma morda mentalment, għax ħafna drabi jarawhom bħala piż fuq il-familji tagħhom u fuq il-komunità.

Nixtieq hawnhekk nirringrazzja lil dawk kollha li jaħdmu f'diversi modi u f'livelli varji sabiex jiżguraw li l-ispirtu tas-solidarjetà ma jonqosx u li n-nies jipperseveraw fil-ħidma tagħhom biex jieħdu ħsieb lil dawn ħutna, billi jibbażaw lilhom infushom fuq l-ideat u l-prinċipji tal-Kelma t'Alla. Jien għalhekk ninkoraġġixxi l-isforzi ta' dawk li jaħdmu ma' dawk li huma morda mentalment sabiex jagħtuhom l-aċċess neċessarju għall-forom ta' kura u trattament. Sfortunatament, f'ħafna partijiet tad-dinja s-servizzi għal dawn in-nies morda huma ftit, insuffiċjenti jew fi stat ta' tnaqqis.

Il-kuntest soċjali mhux dejjem jaċċetta 'l dawk morda mentalment bil-limitazzjonijiet tagħhom.



Wieħed irid jara l-ħtieġa li hemm sabiex jintegra b'mod tajjeb t-terapija li hemm bżonn flimkien ma' sensittività ġdida lejn d-disturbi sabiex jkun hemm ħaddiema f'dan is-settur li b'mod iktar effettiv, jgħinu lil dawn in-nies morda u l-familji tagħhom, li waħedhom ma jkunux jistgħu jieħdu ħsieb lil dawn il-qraba b'mod adekwat. Il-Jum Dinji tal-Morda li jmiss huwa okkażjoni tajba sabiex tiġi espressa solidarjetà lejn dawn il-familji li għandhom nies morda mentalment li jiddependu minnhom.

Nixtieq ukoll nindirizza lilkom, ħuti morda, sabiex nistedinkom biex toffru l-kundizzjoni tat-tbatija tagħkom, flimkien ma' Kristu, lil Alla l-Missier, ċert li kull prova li intom tgħaddu minnha b'rassenjazzjoni hija mmeritata u ġġib magħha l-ġenerożità t'Alla fuq l-umanità kollha. Nixtieq inwassal l-apprezzament tiegħi lil dawk kollha li jgħinu fil-kura f'ċentri residenzjali, sptarijiet u fi swali li jipprovdu dijanjosi u trattamenti, u jien inħeġġiġhom biex jiżguraw li dejjem joffru dik l-assistenza medika, soċjali u pastorali li għandhom bżonn biex dejjem tiġi rispettata d-dinjità ta' kull bniedem.

Il-Knisja, b'mod partikulari bil-ħidma tal-kappillani, ma tonqosx li toffrilkom l-għajnuna tagħha, meta taf li hi qiegħda hemm biex toffri l-imħabba u l-kura ta' Kristu lil dawk kollha li jbatu u lil dawk li qed jgħinuhom. Nixtieq inħeġġeġ il-ħaddiema pastorali u l-assoċjazzjonijiet voluntarji u l-organizzazzjonijiet biex joffru appoġġ – b'mod prattiku u b'inizjattivi prattiċi – lil dawk il-familji kollha li għandhom nies morda mentalment li jiddependu minnhom. Nispera li l-kultura ta' għaqda u ta' qsim tikber u tinxtered bħala riżultat ta' dan, ukoll sabiex isiru liġijiet addattati u programmi ta' kura tas-saħħa li joffru riżorsi biżżejjed biex ikunu jistgħu japplikawhom. Li jħarrġu u jżommu l-ħaddiema tagħhom li jaħdmu f'dan is-settur delikat aġġornati huwa bżonn urġenti llum aktar minn qabel.

Kull Kristjan, dejjem skond ir-responsabbilità tiegħu, huwa msejjaħsabiex joffri l-għajnuna tiegħu lil ħutu biex kull bniedem jgħix b'dinjità umana, ikun meqjus, irrispettat u jimxi 'l quddiem. *'Duc in altum!'*. Dan l-invit ta' Kristu lil Pietru u lill-Appostli jistieden lill-komunitajiet tal-Knisja biex jinfirxu mad-dinja kollha u b'mod speċjali lil dawk li qed jgħinu l-morda, sabiex, bl-għajnuna ta' *'Maria Salus Infirmorum'*, huma jkunu x-xhieda fuq din l-art ta' l-imħabba mmensa ta' Alla Missierna. Jalla l-Verġni Mqaddsa tkun ta' komfort għal dawk kollha li huma morda u għal dawk li jduru bihom, li bħas-Samaritan it-tajjeb, idewwu l-ġrieħi tal-ġisem u dawk spiritwali!

Nixtieq nassigura 'l kull wieħed minnkom li intom tkunu dejjem fit-talb tiegħi u li jien nibgħat fuqkom kollha l-Barka t'Alla. •

INĦOBBHOM L-ISTEJJER

# IMĦABBA LEJN IL-MADONNA





**San Gużepp Cottolengo** kellu mħabba u namra kbira għall-kanarini. Meta sar kanonku ta' Corpus Domini u mar Turin ħa miegħu kwadru antik tal-Madonna li lejha kellu devozzjoni kbira. Garr miegħu ukoll gaġġa bil-kanarini li kien iżommha mdendla quddiem ix-xbiha tal-Madonna fil-kamra waħdanija li fiha kien jgħix. Kellu wkoll lampa dejjem tixgħel u vażett bi ftit ward li sikwit kien ibiddel. Kien jgħid li Marija Santissma jixirqilha l-għana ta' l-għasafar hekk sbieħ u ferħana. Kien isejjaħ lill-kanarini l-mużiċisti tal-Madonna. Waqt li kien ibiddlilhom l-ilma kuljum u jagħtihom l-ikel, kien jitkellem magħhom u jgħidilhom: ***"Dan kollu nagħmlu bil-ferħ għax intom tkantaw u tgħannu ferħanin quddiem din l-omm ħanina. Komplu agħmlu hekk għax verament jixirqilha."*** Sa minn qabel ma jisbaħ kienu jibdew ikantaw u l-kanonku kien jistenbaħ, jibda jitlob u jingħaqad magħhom fit-tifħir lill-Madonna. •



# INTELLIĠENTI U ĦABIB

**Min għadda minn xi avventura jew rabba xi kelb għal numru ta' snin, x'aktarx jiddeskrivih bħala l-akbar ħabib tiegħu.**

Ma nqisx ruħi nfatwata fejn jidħlu l-annimali, iżda meta rabbejna xi kelb ħabbejnih u qatt ma ħqarnih. L-aħħar li kellna kelb tar-razza Labrador kien jonqsu jitkellem daqskemm kien intelliġenti. Kien jinduna meta stajna noħorġuh magħna u meta kien se jkun jibqa' d-dar waħdu. Kien jagħmel storbju sħiħ meta l-pustier iwaddbilna l-ittri fil-kaxxa u arah jiġborhom waħda waħda b'ħalqu mill-art u jnewwilhomlna. Meta ġieli tajnih xi ikel fuq karta u ma għoġbux, kien igeżwru b'geddumu u jkaxkru f'rokna u hu jintelaq fl-art bħal donnu biex jipprotesta. Qatt ma ħammġilna d-dar jew iddejjaq bil-fittaġni ta' tfal żgħar. Konna nqisuh bħala kelb uniku u għalejna ħafna għalih meta miet bix-xjuħija.

**Alessia Rinaldi, mara ta' 34 sena, kellha kelb għal qalbha ħafna. Kien tar-razza German Shepherd, sabiħ immens u jirrispondi għall-isem ta' Zorbas. Kienet tħobbu ħafna u tirrakkonta kif dan il-kelb salvalha ħajjitha.**

Għodwa waħda, wara li wasslet lil bintha Caterina ta' tliet snin l-iskola, marret id-dar u daħlet fil-kamra tal-banju. F'salt wieħed ħassha ħażin u waqgħet fl-art. Meta bdiet tistejqer, għalkemm ma setgħetx tiċċaqlaq, indunat li kienet ilha fl-art madwar 5 sigħat. Kien taha attakk ta' puplesija. Bdiet tħoss driegħha pparalizzata u anqas setgħet tara sewwa. F'ħin minnhom semgħet it-telefon ċellulari tagħha jdoqq, iżda ma kellhiex saħħa biex tqum. Kienet ċerta li din it-telefonata kienet ġejja mingħand żewġha li kien iċemplilha mix-xogħol f'ċerti ħinijiet matul il-jum.

Fortunatament, il-bieb tal-kamra tal-banju, għalkemm kien magħluq, ma kienx imsakkar biċ-ċavetta. It-telefon kien fuq mejda baxxa fis-salott fejn kien qiegħed ukoll Zorbas, bħas-soltu, mixħut fl-art, iżda b'widnejh imtella' 'l fuq donnu lest biex jagħti s-salt. Ġiha f'rasha li ssejjaħ lil Zorbas bil-ftit forzi li kien baqagħlha. Sejħitlu biex imur ħdejha, iżda Zorbas ma setgħax jidħol għax il-bieb kien magħluq. Zorbas beda jitla' mal-bieb u jitħabat biex jidħol ħdejha. Fid-dispramment li kellha fuqha, Alessia bdiet tokroblu u tinsisti miegħu biex jiftaħ u jidħol ħdejha. Bdiet tħossha mwerwra li ma jifhimhiex; iżda Zorbas irnexxielu jaqbad mal-pum tal-bieb u fetaħ.

Għalkemm Alessia ma setgħetx tiċċaqlaq għax kienet



*13.05.1992: Arthur u Emily Barbaro-Sant dak in-nhar tat-tletin anniversarju miż-żwieġ tagħhom. Jidher il-kelb Rover tar-razza Labrador li kien qisu d-dell ta' Arthur – dejjem miegħu. Żewġ affarijiet ħelwin ta' Rover kienu: li jagħraf meta Arthur seta' jieħdu miegħu jew le; u wkoll, li hekk kif jisma' lill-pustier iwaddab l-ittri, arah jiġri lejn il-bieb ta' barra biex jiġborhom u jwassalhom lil sidu. Jekk xi ittra tkun tant ċatta li ma jirnexxilux jiġborha, kien jibqa' wieqaf ħdejha jinbġilha, sakemm imur xi ħadd jiġborha.*

*Rover kien maħbub ħafna mill-familja. Għex 7 snin wara li qabditu l-marda tas-Sandfly grazzi għall-kura li kienet tingħatha lilu. Sidu wkoll m'għadux magħna għax ingħaqad fil-ġemgħa ta' missirijietna f'Alla l-Imbierek fid-19 ta' Jannar 2001.*

ipparalizzata, xorta wrietu l-ferħ li rnexxielu jiftaħ il-bieb u jidħol ħdejha. Bdiet tgħidlu: "Isa, isa, iġbidni, iġbidni." Riditu joħodha ħdejn it-telefon li kien jieqaf u jerġa' jibda jdoqq... Fil-fatt, Zorbas donnu fehemha. Min-naħa tagħha, Alessia skantat x'ħin Zorbas resaq lejha, ħatafha minn bejn għonqa u spallitha bi snienu u beda jiġbidha lejn it-telefon idoqq.

Minkejja li dan kien qed jiġri lilha, Alessia bilkemm riedet temmen x'qed jiġri verament. Sadattant, Alessia ma bdiet tara xejn. Tħoss biss lil Zorbas jiġbidha u t-telefon idoqq. Aktar ma beda jiġbidha, aktar it- telefon beda jinstama' viċin sakemm fl-aħħar, bid-driegħ it-tajba u bid-dmugħ f'għajnejha, irnexxielha tilħqu. Kif ħasbet hi, it-telefonata kienet ġejja mingħand żewġha li laħqet qaltlu biss: "Ejja d-dar għax qed iħossni ħażin." Intilfet minn sensiha u waqgħet f'koma. Wara għaxar minuti żewġha wasal id-dar u sab lil martu f'nofs is-salott mixħuta fl-art qisha mejta u b'Zorbas iħares lejha. Fi ftit minuti ġiet ambulanza u hekk kif żewġ infermiera daħlu bi stretcher biex jiġbru fuqha lil Alessia, Zorbas beda jinbaħ bi protesta. Sidu beda jipprova jikkalmah, isikktu u jżommu 'l bogħod kemm jista' jkun.

Alessia damet mitlufa 10 ijiem fl-isptar ta' Bergamo. Wara xahar intbagħtet id-dar fejn sabet lil Zorbas jistennieha ferħan. Beda jaqbeż u jogħla bil-ferħ. Kemm Alessia damet konvalexxenti, Zorbas baqa' ħdejha lejl u nhar. Sar qisu l-bodyguard tagħha.

Il-ġrajja ta' dan il-kelb li salva ħajjet sidtu ġriet bħal leħħa ta' berqa mal-belt kollha, tant li sar l-eroj ta' Osnago, belt viċin Lecce, fl-Italja.

Daqstant hawn annimali li sfortunatament xejn ma huma meqjusa bħala eroj; anzi maħqura u mitluqa barra t-triq biex ifendu għal rashom meta jsibu fejn ifendu. B'xorti tajba, hawn nies li volontarjament jagħtu sigħat mill-ħin tagħhom biex jieħdu ħsieb annimali abbandunati. Huwa importanti ħafna li min ikun se jrabbi xi annimal, hu x'inhu, jara li għandu l-post addattat u l-ħin biex jieħu ħsiebu, inkella aħjar ma jrabbi xejn. Wara kollox, l-annimal huwa wkoll ħolqien ta' Alla. •



# APPOSTOLAT TAT-TALB

***Intenzjonijiet tal-Papa u ta' l-Isqfijiet tagħna għas-sena 2006.***

## L-OFFERTA TA' KULJUM

Alla Missier, noffrilek dan il-jum, bit-talb, il-ħsibijiet, il-kliem, il-ħidma, il-ferħ u t-tbatija kollha tiegħi f'għaqda sħiħa ma' Ġesù Ibnek, li jkompli joffri lilu nnifsu fl-Ewkaristija għall-ħelsien tad-dinja. Agħmel li l-Ispirtu s-Santu, li mexxa lil Ġesù, imexxi lili wkoll u jkun ta' qawwa għalija biex inkun xhud ta' l-imħabba tiegħek. Ma' Marija, omm il-Mulej u omm il-Knisja, nitolbok b'mod speċjali skond il-fehmiet tal-Papa għal dan ix-xahar.

## JANNAR

- **Biex il-komunità internazzjonai tifhem id-dmir urġenti tagħha li twaqqaf it-traffikar tal-bnedmin.**
- **Biex fil-Missjonijiet, l-insara lajċi jagħrfu l-ħtieġa li jaqdu lil pajjiżihom anki fil-ħajja politika u soċjali.**
- **Sabiex il-Maltin u l-Għawdxin jgħożżu dejjem iżjed il-fidi Nisranija li ħabilna l-Appostlu Missierna San Pawl.**

# Il-Ministeru tal-Kura tal-Morda u l-Franġiskani matul iż-żminijiet (2)



Il-ħajja tal-klawsura ma kinitx tippermetti li s-Sorijiet ta' Santa Klara joħorġu qalb in-nies morda biex jgħinuhom. Dan in-"nuqqas" kienu jagħmlu tajjeb għalih il-Patrijiet Minuri li bħal missierhom Franġisku kienu involuti sa mill-bidu fix-xogħol qalb il-morda, speċjalment il-lebbrużi. Dan ix-xogħol qalb il-morda kien isir ukoll minn fergħat oħra Franġiskani fosthom il-Kapuċċini. Forsi xhieda ta' dan huwa l-fatt li waqt il-pesta ta' l-1630 -1631 fl-Ewropa, fl-Italja biss kienu mietu ħames mitt Kapuċċin li wrew qlubija kbira meta baqgħu fl-ibliet jikkuraw u jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tan-nies waqt dawn iż-żminijiet koroh[6].



Maż-żmien ix-xogħol tal-Franġiskani beda iktar ikun ikkonċentrat fil-qasam pastorali u spiritwali, filwaqt li dak ta' kura kien iktar magħmul minn membri tat-Tielet Ordni li bdew joktru fin-numru. Dawn il-membri ġodda Franġiskani kienu nies minn kull qasam tal-ħajja li għażlu li jgħixu ħajja ta' penitenza billi jiddedikaw il-ħajja tagħhom għal kura tal-morda fuq spirtu Franġiskan. Dawn kienu l-lajċi Franġiskani. Fost l-ewwel li mxiet fuq din ir-regola kienet Eliżabetta ta' l-Ungerija li kienet kanonizzata fl-1235. Terzjarji Franġiskani xterdu ma' l-Italja kollha. Ġo Firenze t-Terzjarji, li kienu jissejħu bonuomini, waqqfu sptar kbir San Paolo għal kura tal-morda foqra.

L-istess ġara fl-Ewropa ta' Fuq fejn gruppi ta' persuni nisa li kienu jissejħu beguini kienu jagħmlu tista' tgħid l-istess xogħol tal-bonuomini. Ix-xogħol ta' dawn il-komunitajiet Franġiskani kien rikonoxxut mill-Isqfijiet ta' diversi postijiet u saż-Żminijiet tan-Nofs in-numru tagħhom kien kiber.



Minħabba żmien ta' taqlib soċjali u fatturi finanzjarji, ix-xogħol ta' diversi Ordnijiet Terzjari ħa daqqa 'l isfel bejn l-1400 u 1800. Fattur ieħor kien li dawn il-komunitajiet li kienu jaħdmu fi sptarijiet mal-morda kienu imġiegħla josservaw iktar il-voti tagħhom reliġjużi. Għalhekk kienu kostretti li jillimitaw ix-xogħol tagħhom fl-isptarijiet mill-awtoritajiet tal-Knisja. Fl-1611 Apollina Rademacher waqqfet fil-Ġermanja komunità ġdida li l-membri tagħha kienu jaħdmu fi sptarijiet żgħar. Dawn ma kinux isejħu lilhom infushom reliġjużi, iżda **"Soċjetà ta' nisa twajba"** biex b'hekk jevitaw il-liġi kanonika li kienet tirrestrinġihom li jgħixu f'kunvent. Fl-1622 din il-kongregazzjoni lajka kinet kibret mhux ħażin tant li l-awtoritajiet ċivili kienu fdaw f'idejn din il-kongregazzjoni t-tmexxija ta' sptar kbir. Fuq dan l-eżempju kienu nħolqu diversi kongregazzjonijiet oħra ta' nisa lajċi li mexxew sptarijiet oħra kemm fl-Ewropa kif u wkoll fl-Amerika.

**Referenzi:**


6. Lazaro Iriate, *Franciscan History*, trans. Patricia Ross (Chicago: Franciscan Herald Press, 1979), 130, 283 – 285. •

## MIMA MILIED

# "QED IĦABBATLEK IL-BIEB TA' QALBEK"



Ħabib!... Ħabiba!... Taf li hemm xi ħadd wara l-bieb li jixtieq ikellmek? M'intix tisimgħu jħabbatlek? X'qed tistenna biex tmur tara min hemm? Possibbli m'intix interessat tara min jista' jridek f'dal-mument? Insomma... ma ntikx tort sa barra li ma tisimgħux jew ma tagħtix każ... daqskemm int imdawwar b'għamliet differenti ta' storbju u aljenazzjonijiet. Però bħal dejjem, huwa determinat aktar milli int tista' qatt timmaġina... Huwa jibqa' jistenna biex forsi xi darba tiftaħlu... il-bieb ta' qalbek!

Din kienet it-tema prinċipali tal-mima li jien stess ktibt biex tittella' għal żmien il-Milied bl-isem ta' **"Qed iħabbatlek il-bieb ta' qalbek!"** Kienet kitba oriġinali li ġiegħelitni naħseb sew fuq il-messaġġ li xtaqt inwassal permezz tagħha. Bħalma jimplika t-titlu, l-iskop tal-mima kien li l-udjenza tinduna jew tkompli temmen fil-fatt li Ġesù qiegħed kontinwament iħabbat il-bieb ta' qalb kull wieħed u waħda minna... nisrani jew le.

Wara s-suċċess li kellna bil-mima tar-Randan li kienet iġġib l-isem ta' **"Int qtiltu wkoll!"**, jien flimkien ma' sħabi tal-Ġi.Fra. tal-Floriana tħajjarna biex nerġgħu norganizzaw mima oħra; din id-darba fuq il-Milied. Il-mima tal-Milied involvietli ħafna ħsieb u kelli niddedika ħafna ħin biex niktibha u naddatta l-mużika għaliha. Il-mużika għażiltha tal-widna biex togħġob aktar lil min jismagħha u b'hekk tgħinu jidħol aktar fl-istorja u jifhem il-messaġġ tagħha. Apparti minn hekk, l-ammont ta' provi ma kinux ftit. Kull min ħa sehem fil-mima daħal għaliha b'ammont kbir ta' serjetà u determinazzjoni, u dan naħseb li jidher biċ-ċar fil-produzzjoni tagħna. Jien ippruvajt noħloq storja li tkun interessanti biżżejjed li l-udjenza ma taqlax għajnejha minn fuq x'ikun qiegħed jiġri. Min-naħa ta' l-atturi kollha (jien inkluż), tajna l-mija fil-mija tagħna u kulħadd irnexxielu joħroġ tajjeb ħafna l-karattru li kellu. Apparti minn hekk, il-mima għenitna nkomplu naħdmu fi spirtu fratern li permezz tagħha kompliet tgħaqqad il-grupp tagħna.

L-istorja prattikament kienet ibbażżata fuq koppja miżżewġa u fuq żewġt iħbieb ġuvintur li huma nvoluti separatament fil-problemi serji tal-ħajja. Il-mara tasal f'punt li titlaq lil żewġha minħabba li jkun weġġagħha b'xi ħaġa li ma kellux tort sa barra, filwaqt li wieħed mill-ġuvintur jispiċċa jaqbad il-vizzju tax-xorb u l-ħajja tas-serq wara li ma setax ikampa mad-diffikultajiet tal-ħajja. Kontemporanjament, Marija u Ġużeppi kienu qed ifittxu post kenni fejn jitwieled Ġesù fih, però dawn sfaw imkeċċija mill-qalb bierda tal-mara u l-ġuvni. U propju hawnhekk iseħħ il-miraklu tal-Milied... fejn l-anġlu tal-Mulej resaq ħdejhom u għenhom ikissru l-katnazz li kien qed isakkar il-bieb ta' qalbhom milli jinfetaħ għall-Ġesù. Lejn l-aħħar tal-mima joħroġ biċ-ċar il-paragun qawwi bejn Ġesù tarbija u l-Ewkaristija. Jispikkaw ukoll il-valur tal-ħajja miżżewġa u dak tal-ħbiberija vera. Dakinhar Ġesù twieled ġo maxtura... fil-platt ta' l-annimali! Illum, jekk tagħtih iċ-ċans, Huwa jista' jitwieled fil-qalb tiegħek permezz ta' l-Ewkaristija. U ħaġa oħra... m'hemmx għalfejn ikun il-Milied biex twelled lil Ġesù ġo qalbek!

Filwaqt li, f'isem il-membri kollha tal-Ġi.Fra. Floriana, nirringrazzja lil kulħadd ta' l-appoġġ li nirċievu biex intellgħu produzzjonijiet bħal dawn, nixtieq nieħu l-opportunità biex nistedinkom għall-produzzjoni tagħna li jmiss li se ssir għaż-żmien tar-Randan! Tħallix l-istorbju jtellflek is-smiegħ u l-ħars tal-veru sens ta' ħajtek. Tħallihx iħabbat għalxejn... u jekk tlift iċ-ċavetta tal-bieb ta' qalbek... nissuġġerilek tmur taqta' oħra.

Narawkom! •



**Bejn ix-xhur ta' Ġunju u Novembru ta' spiss nisimgħu b'aħbarijiet ta' urugani u ċikluni li jaħkmu l-pajjiżi ta' l-Amerika Latina u jibqgħu telgħin sa l-Amerika. Matul is-sajf li għadda smajna b'diversi: uħud minnnhom għaddew mingħajr ma ħallew ħsarat kbar, bħal "Emily" u "Franklin", però kien hemm oħrajn li bil-ħsara li wettqu se jibqgħu msemmija fl-istorja, fosthom "Dennis" u "Katrina". Dan ta' l-aħħar tant għamel straġi, speċjalment f'New Orleans, li ġab lill-Amerika, l-akbar potenza tad-dinja, għarkubbtejha titlob l-għajnuna filwaqt li wriet kemm hi fraġili quddiem fenomeni naturali bħal dawn.**

# ĊIKLUNI U URUGANI TROPIKALI



Meta jseħħu dawn id-disgrazzji, illum aktar minn qabel, lilna l-Maltin qed isiru jinteressawna. Bil-mezzi tal-komunikazzjoni għad-dispożizzjoni tagħna malajr insiru nafu x'inhu jiġri. Għalhekk ma niqfux nitkellmu u nistaqsu b'interess dwar dawn l-urugani u ċ-ċikluni. Uħud jaħsbu li dawn qed isiru issa. Kienu jsiru minn dejjem. Huma msemmija fil-vjaġġi li Kristoforu Colombo għamel meta skopra wħud mill-pajjiżi ta' l-Amerika Latina. Id-differenza hija li llum qed jiżdiedu u qed insiru nafu bihom fl-istess mument li jkunu qed jseħħu bil-mezzi ta' komunikazzjoni li għandna f'idejna.

Matul ix-xahrejn li għamilt f'Malta bejn Awissu u Settembru 2005 kienu diversi li saqsewni dwar dan il-fenomenu ta' l-urugani. Dan l-aktar peress li matul dan il-perjodu kien hemm l-urugan "Katrina" u aktar tard "Rita" li għaddew minn fuq l-Amerika b'ta' l-ewwel iħalli ħerba kbira u għadd għoli ta' mwiet. Dan kien wieħed mill-motivi li ddeċidejt li nikteb din is-sensiela ta' għaxar artikli fuq ir-rivista tagħna l-Kapuċċini dwar dan is-suġġett. Nittama li dak li se nikteb fil-qosor ikun ta' interess għall-qarrejja u nkun qed inwieġeb għall-ħafna mill-mistoqsijiet li l-Maltin għamluli meta kont magħkom għall-vaganzi.

## L-urugani: frott klima skwilibrata?

It-tweġiba għall-mistoqsija ta' kif jiġu ffurmati l-urugani hija kwestjoni ta' klima. Il-klima tinfluwenza l-ħajja preżenti u futura tad-dinja – ta' l-ibħra, ta' l-artijiet speċjalment tal-gżejjer, tas-siġar u tal-fjuri, ta' l-istaġuni, ta' l-ikel li nieklu, il-forma li nilbsu, il-ħabitat fejn jgħixu l-għasafar, l-annimali u fejn ngħixu aħna bħala bnedmin. Il-klima, u meta ngħidu klima prinċipalment nirreferu għas-sħana u l-ksieħ, in-nixfa u l-irjieħ, tifforma l-ambjent li fih ngħixu u b'hekk tikkundizzjona r-ritmu tal-ħajja tal-bniedem. Għalhekk li niskopru aktar, li nsiru nafu aktar u li nifhmu iżjed il-fenomeni marbuta mal-klima hija xjenza ferm importanti għall-ħajja tal-bniedem ta' llum u ta' għada. Li niskopru sabiex nipprevedu, filwaqt li nagħrfu sabiex nantiċipaw il-fenomeni naturali magħġuna mal-klima



huwa l-objettiv tal-meteoroloġisti u tal-klimatoloġisti tad-dinja. Li napplikaw dak li jgħidulna dawn ix-xjenzati huwa ferm utli għas-sopravivenzja tas-soċjetà u tal-pjaneta.

L-atmosfera fiha nnifisha ġeneralment hija ekwilibrata b'tali mod li fil-kompożizzjoni tagħha toħloq klima komda fejn il-bniedem jista' jgħix. Imma f'ċerti mumenti u ambjenti l-parametri tagħha jaqbżu l-limiti u jinħolqu eseġerazzjonijiet li jikkawżawħsarat u li huma ostili għall-ħajja tal-bniedem. Fost l-eseġerazzjonijiet li l-klima toffri għandek:

**a) il-klima polari: arida, mingħajr kuluri, b'xitwa mimlija silġ u rjieħ qawwija tant li l-ħajja ssir imposibbli li tgħix;**

**b) il-klima tad-deżert kiesaħ: b'ħafna umdità, sajf li jaqtagħlek nifsek u xitwa li tinġazzak li din ukoll tagħmel impossibbli lill-ħajja li tgħix;**

**c) il-klima tad-deżert sħun: nuqqas estrem ta' xita, sħana enormi li għalkemm hawnhekk insibu xi speċi ta' annimali li jgħixu però l-ħajja hija ferm limitata.**

Nistgħu ngħidu b'konferma xjentifika li l-urugani huma konsegwenza ta' dan il-fattur fejn il-klima taqbeż mill-parametri tagħha u toħloq skwilibriju li jikkaġuna dan il-fenomenu naturali. Però rridu noqogħdu ferm attenti. Ma nagħtux it-tort kollu lin-natura u l-iskerzi li tagħmel. Kif se naraw aktar 'il quddiem, biċċa mit-tort huwa tagħna wkoll li m'aħniex nieħdu ħsieb kif suppost il-klima u l-ambjent. •

# Għaqda Nisa Sta. Liberata

***minn Tessie Gatt***

**Nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru, membri mill-Għaqda Nisa Sta Liberata Kalkara, żammew l-appuntament ta' kull sena meta flimkien jaqsmu l-isbaħ xewqat għall-festi tal-Milied. Din is-sena, bħal diversi drabi oħra, l-attività saret fiċ-Ċentru pastorali tal-kunvent tal-Kapuċċini. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet b'quddiesa bħala ringrazzjament għas-sena ħidma fi ħdan l-Għaqda u wara riċeviment fiċ-Ċentru. Preżenti kien hemm il-Provinċjal Fr Joe Alessandro, il-Gwardjan Fr Dominc Mangani, Fr Onarato u Fr Leonard, li kien l-ewwel Direttur ta' din il-Għaqda.**



Din ir-realtà li ilha teżisti għal dawn l-aħħar tletin sena hija Għaqda ta' nisa miżżewġa u xebbiet bil-għan li permezz ta' laqgħat formattivi u attivitajiet oħra tinbena klima ta' ħbiberija fost l-istess membri b'mod li jaslu għal spirtu ta' ferħ Evanġeliku. Il-membri flimkien ma' xi ħbieb oħra li jinteresshom li jissieħbu membri jiltaqgħu kull nhar ta' Ħamis għal dawn l-attivitajiet li jiġu mfassla għalihom mill-membri tal-Bord. Fil-bidu tas-sena l-membri flimkien ma' oħrajn jiġu mistiedna biex iġeddu jew jissieħbu membri f'laqgħa ġenerali fejn jinħatar Bord ġdid li jkun jista' jfassal programmi t'attivitajiet minn xahar għal ieħor għal matul is-sena. Il-ħin tal-laqgħat u l-attivitajiet ikun filgħodu.

Is-sigriet tal-ħajja relattivament twila ta' l-Għaqda Nisa Sta Liberata huwa l-attendenza parteċipattiva ta' l-imseħbin li tħeġġeġ il-membri tal Bord jimpenjaw ruħhom mhux mingħajr sagrifiċċju. Ta' dan grazzi sinċier lid-Direttur u lill-membri kollha. •







# UBBIDJENZA B'IMĦABBA (2)

## KAMPJUNI TA' UBBIDJENZA FRANĠISKANA

It-triq wiesa' u sabiħa ta' ubbidjenza Franġiskana hi mmarkata bi stejjer ta' eroiżmi li taqrahom biss iħalluk bla nifs. Mhux bi ftaħir, din l-ispiritwalità Franġiskana toħroġ mill-esperjenza ta' nies li ssallbu bil-musmar ta' l-ubbidjenza u għax ċaħdu għar-rieda persunali għall-imħabba ta' Kristu, skoprew il-ħelsien ġewwinija. Il-lista ta' dawn il-kampjuni li taqqlu s-siġra Franġiskana b'merti kbar li kisbu bl-eżerċizzju ta' l-ubbidjenza hi waħda twila. Nagħti għalhekk eżempji ta' tlieta minnhom biss. **(1) Fra EĠIDJU** minn Assisi (1262). Il-kliem sempliċi tiegħu hu mimli għerf tas-sema: **"Meta l-gendus iżomm rasu taħt il-madmad, l-imħażen tal-qamħ jimtlew sax-xfar; imma meta Jċaqlaq rasu u jerħilha bla rażan lejn l-għelieqi għax daħħal f'rasu li sar sinjur, l-imħażen jibqgħu battala, U oħra ..."** ħabib tiegħi, aktar ma tgerger aktar l-amar (kmand) jitqal, filwaqt li jekk b'umiltà tbaxxi rasek għal madmad ta' l-ubbidjenza, il-kmand jeħfief u jsir ħelu."

**(2) LAWRENZ** minn Brindisi (1557-1619), Duttur tal-Knisja u figura prestiġjuża ta' l-Ordni Franġiskan, ġie mżejjen minn ġuf ommu b'temperament sod ta' mexxej, kwalità li xxaqilbek aktar biex tieħu l-inizjattivà u tiddetta lill-oħrajn milli tobdihom jew toqgħod għalihom. Imma l-grazzja ta' Alla u l-kontemplazzjoni fuq Kristu qaddej umli bidluh u għamluh mudell ta' ubbidjenza. Tant obda b'umilità li malli l-Gwardjan ġibidlu l-attenzjoni biex ma jdumx iqaddes daqshekk (sigħat) wasal biex beda jieħu nofs siegħa biss. Wara li temm il-provinċjalat u ġie magħżul bħala Gwardjan tal-knisja tar-Redentur f'Venezja, ma kienx jistmerr jew jinjora l-kmand ta' fratell lajk, Fra Mikiel, biex iqassar mit-talb jew mil-ħin imwarrab jew għall-istudju jew għal ħidma. U għalkemm imfittex wisq għall-pariri minn l-għola awtorità ċivili, slaten, Isqfijiet jew Kardinali, qatt ma beża' jċanfar u jwissi bla ma ħalla l-influwenza li kien igawdi fuq min kien ogħla minnu, ittellfu l-preferenza tiegħu li jobdi aktar milli jikkmanda. •



## Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof tad-djoċesi ta' Malindi, il-Kenja, jirritorna fil-ħidma tiegħu wara ġimgħat ta' kura f'Malta bejn Settembru u Diċembru 2005.

**Fl-email li Mons. Isqof Francis Baldacchino OFMCap bagħat lid-direzzjoni ta' Dawl Franġiskan jirrakkonta l-wasla u l-merħba li sab hekk kif wasal Malindi.**

*"Meta illandjajna Malindi ħarist mit-tieqa ta' l-ajruplan biex nara nilmaħx il-karozza tistennieni. Kif inżilt mill-arjuplan, b'sorpriża għalija, kien hemm jistennewni madwar għoxrin ruħ bejn sorijiet, qassisin u sekulari, biex jagħtuni merħba bil-kant, fjuri u tabelli. Fil-parti ta' ġewwa ta' l-ajruport kien hemm jistennew ħafna aktar. Dawk li magħhom kont qed nivvjaġġa min-Nairobi sa Malindi deħru li ma setgħu jifhmu xejn. Irkibt il-karozza akkompanjat b'madwar sitt karozzi oħra nklużi żewġ Mini Buses. Xi madwar 100 metru 'l bogħod mill-Catholic Institute talbuni ninżel mill-karozza u hemm sibt madwar 50 student qed jistennewni jkantaw b'kartelluni ta' merħba f'idejhom. Bqajna sejrin fis-sala tar-refitorju u hemm ukoll kien hemm madwar mitt ruħ oħra bejn sorijiet, qassisin, membri tal-Kunsill Pastorali u studenti biex jagħtuni merħba. Hekk kif sibna postna fost kant ta' merħba ġie servut xi ikel u bdew ukoll id-diskorsi."*

Monsinjur Isqof Francis Baldacchino jirringrazza u jselli għal kulħadd għall-għajnuna li sab fil-ġimgħat li kien f'Malta. •



# It-Tarka u x-Xabla



**Ix-xahar l-ieħor tkellimna fuq l-uġigħ fis-sider (UFS). Dan jista' jiġi minn diversi kawżi, kif iddiskutejna. Waħda minnhom hija il-Mard fl-Arterji Koronarji (MAK). Din hija djuqija sinifikanti ta' l-arterji li jagħtu d-demm lill-qalb. Meta jiġri hekk, jista' jirriżulta f'anġina jew attakk tal-qalb.**

## L-ANĠINA

L-iktar kawżi komuni ta' MAK jinkludu l-aterosklerożi, spażmu ta' l-arterji, jew infjammazjoni ta' l-arterji koronarji. Fost dawn, l-iktar komuni hija l-aterosklerożi, u hawn se nikkonċentra fuq din. L-aterosklerożi huwa proċess naturali fejn ikun hemm akkumulazzjoni ta' xaħam (plakka) l-iktar fil-ġewwieni ta' l-arterji tal-ġisem. Mhux kulħadd irabbi l-plakka tal-aterosklerożi bl-istess rata. Il-kolesterol għoli fid-demm iżid din il-plakka. Dan jiġi minn xi ikel li fih il-kolesterol, iżda jeżistu wkoll kundizzjonijiet fejn ikun hemm kolesterol żejjed ħażin iffurmat fil-ġisem u dawn ġeneralment huma familjali.




Riskji oħra li jżidu l-plakka huma t-tipjip, il-pressjoni għolja, il-piż żejjed u d-dijabete. Ir-riżultat huwa li l-arterji jidjiequ u dawk l-organi li jkunu jieħdu d-demm minn dawn l-arterji, isofru minn nuqqas ta' ċirkolazzjoni. Ħafna drabi dan jirriżulta f'uġigħ. Jekk dan jiġri fl-arterji tal-qalb, ikun hemm l-UFS u hawnhekk dan jissejjaħ anġina.

L-UFS ta' l-anġina ikun qisu toqol fiċ-ċentru tas-sider jew fuq ix-xellug, iżda xi drabi fuq il-lemin. Jista' jmur lejn l-ispalla, l-iktar tax-xellug, jew lejn ix-xedaq. Jista' jkun assoċjat ma' dardir, għaraq jew qtugħ ta' nifs. L-uġigħ jinħass l-iktar waqt l-eżerċizzju jew taħbit u fil-kesħa.

Xi drabi, il-plakka tixxaqqaq u d-djuqija tiżdied f'daqqa minħabba li plakka mxaqqa tiġbed ċelloli bħall-platelets, li mbagħad jifformaw trombożi ta' l-arterja. F'din is-sitwazzjoni, l-anġina ssir iktar gravi u instabbli u tista' tirriżulta f'attakk tal-qalb, jekk l-arterja tinstadd kompletament. L-uġigħ jiggrava u jista' jiżdied u jiġi anki mingħajr taħbit.

It-testijiet li hemm bżonn jinkludu Electrocardiogram (ECG), Stress ECG u/jew Angiogram. Din tal-aħħar turi fuq x-ray speċjali fejn qiegħdha d-djuqija u x'hemm bżonn biex tgħin.

## IT-TARKA

- Agħmel check-up għand it-tabib u ara x'riskji jista' għandek għall-anġina.
- Jekk tpejjep huwa essenzjali li tieqaf. Issieħeb fi programm ta' kontroll tat-tipjip jekk inti tħoss li ma tistax tieqaf waħdek. Għal iktar għajnuna tista' ċċempel id-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa fuq 2326 6000.
- Żomm il-pressjoni taħt kontroll.
- Jekk għandek piż żejjed, fittex l-għajnuna sabiex teħles minnu u ma tkomplix iżżid.
- Jekk għandek il-kolesterol għoli, it-tabib tiegħek jista' jgħidlek jekk għandekx bżonn dieta speċjali, inkella teħtieġx xi pilloli.
- Id-dijabete jekk preżenti trid tkun ikkontrollata sew.
- L-eżerċizzju regolari huwa importanti biex tnaqqas ir-riskju.

## IX-XABLA

- L-anġina tista' tiġi kkontrollata bil-mediċini.
- Wara l-angiogram, jiġi deċiż jekk tittrattax l-anġina bil-mediċini jew inkella tistax tiddaħħal bħal molla tinfetaħ (stent) ġewwa l-arterja biex tibqa' miftuħa biżżejjed. Xi drabi d-djuqija li jkun hemm ikollha tiġi mgħejjuna bil-bypass. Hawnhekk jinħoloq passaġġ ġdid bil-vini jew arterji oħra minn bnadi oħra tal-istess individwu li jevita d-djuqija (bħal meta tipprova tgħaddi minn toroq differenti biex tevita t-traffiku)
- F'każ ta' suspett t'attakk tal-qalb, importanti ħafna li tmur l-isptar mill-aktar fis. L-arterja miżduda tista' tinfetaħ b'mediċina jew stent skond il-każ.

Nixtiqilkom is-saħħa.

***Jekk għandek xi diffikultà fuq xi informazzjoni li sibt f'dan l-artiklu, ikun siewi li tkellem lit-tabib tiegħek sabiex tiċċaraha. •***




**Patri, kull nhar ta' Hadd, jiena, il-mara u t-tfal imorru naraw immankabbilment lill-omm il-mara tiegħi. Inqattgħu tista' tgħid madwar ħames sigħat ikkakmati għandha. Allaħares ma mmorrux għandha u noqogħdu dak il-ħin kollu għax tagħmel plejtu. Naf li hija mġenna wara t-tfal u tħobbhom tassew, imma naraha invadenti għall-aħħar, *fiercely egoistic*. Issa ddejjaqt immur ninqafel f'darha wara ġimgħa xogħol, meta nippreferixxi mmur mal-familja nieħu ftit arja friska fil-kampanja fejn nistrieħ ma' marti u wliedi. Naf li se nweġġagħha jekk naqtgħu li mmorru għandha, imma nħoss li għandi nagħmel hekk, avolja jista' jinqala' xi ftit ta' l-inkwiet. Taqbel miegħi?**

## *Patri William iwieġeb...*

*Naqbel miegħek mija fil-mija. Fuq ħaġa daqshekk raġunata mhux suppost li jinqala' l-inkwiet. Imma jekk il-kunjata tiegħek hija daqshekk esiġenti fuqkom, tridu turuha li ma jistax ikun tkompli sejra hekk. Għandkom il-ħajja tagħkom u mhux sew li ħaddieħor, minħabba l-ideat magħluqa tiegħu, tħalluh jassarkom għalih b'dannu għall-istess familja tagħkom.*

*Mhux il-kunjata trid tgħidilkom kif tridu tqattgħu l-Ħadd wara nofs inhar, imma intom stess tridu tfehmuha, trid jew le, li intom għandkom il-programmi tagħkom li għandhom jiġu rispettati. Tridu ġġagħluha tifhem li tistgħu tmorru tarawha u tistgħu ma tmorrux, mingħajr ma għandu jinqala' diskors.*

*Hawn Malta, minħabba ċ-ċokon ta' gżiritna, hawn ommijiet li b'għemilhom jikkondizzjonaw wisq il-ħajja ta' wliedhom miżżewġin u tal-familji tagħhom. Minħabba f'hekk qed jaqilgħu ħafna nkwiet bla bżonn u qisu ma qed jiġri xejn.*

*Għandi nifhem li l-mara tiegħek taqbel mal-fehma tiegħek, jiġifieri li ma tmorrux bilfors, regolarment u għal sigħat sħaħ, kull nhar ta' Ħadd, għand ommha. Allaħares le. Mhux sewwa toqogħdu mjassrin ġewwa dar il-kunjata fuq qalbkom, biex ma tiħux fastidju, meta tistgħu tmorru x'imkien tieħdu rikreazzjoni Naħseb li l-aħjar ħaġa hi li tmorru fejn tixtiequ u mbagħad, qabel ma tinġabru d-dar, taqbżu qabża taraw lill-omm martek, u toqogħdu ftit tal-ħin magħha. B'hekk ma jkollhiex skuża u tgħid li qed tinsewha.*

*Naħseb li b'hekk teħles minn ċerta tensjoni, u tibda tħares lejn omm martek b'iżjed rispett u mħabba għax inħoss li fil-preżent inti rrabbjat għaliha għax taraha nġusta tikkostrinġilek il-libertà tiegħek u tal-familja tagħkom. Jekk imbagħad il-kunjata tagħmillek il-buli jew tintrefa' xi ftit minnkom jew x'naf jien, dak affari tagħha. Inti ibqa' frisk daqs ħassa.*

*Ma hemmx għalfejn ngħidlek li dak li se tibda tagħmel kull nhar ta' Ħadd wara nofs inhar trid tibda tagħmlu bil-mod il-mod, mhux f'salt, inkella tqajjem reazzjoni kbira. Trid idderriha toqgħod għal dak li tridu intom mingħajr ma taqta' ħesrem li tkomplu tmorru għandha. Il-prudenza tgħallmek kif għandek iġġib ruħek bil-pulit mingħajr ma toffendi s-sentimenti tal-kunjata, ħalli r-relazzjonijiet jibqgħu tajbin u ma jixxelfux.* •

# *Limerikki*

minn Tony C Cutajar

QLUB ĠENERUŻI
Bil-knisja tar-raħal ferm kburin,
Jiftaħru bil-vara u d-deheb fin,
Jixħtu f'Jum il-Mulej
Xi ċenteżmu jew tnej'
Għax dawn mhux flus
għan-nar jew 'l-każin!



# Bazaar fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana

**Fil-ġimgħa ta' bejn il-Ħadd 20 ta' Novembru u l-Ħadd ta' wara, 27 ta' Novembru 2005, fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana, Floriana, infetaħ il-Bazaar annwali b'riżq il-Missjoni tal-Kapuċċini.**

Bħas-snin l-imgħoddija dan il-Bazaar jieħu ħsiebu l-Grupp Familji Franġiskani li jiltaqa' fl-istess Ċentru. Għalkemm din l-attività tinvolvi ħafna xogħol lill-membri kollha tal-grupp, naċċerta lil kulħadd li l-membri kollha jidħlu għal dan l-impenn b'entużjażmu kbir. Għalhekk ta' min jgħid prosit lill-membri kollha għas-sehem tagħhom.

Is-somma miġbura ġiet ippreżentata lill-Patri Krispin Tabone f'isem l-Uffiċċju Missjunarju waqt il-quddiesa ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar ta' Diċembru.

Fl-aħħar nett ringrazzament speċjali jmur lil dawk kollha, kemm individwi kif ukoll ditti kummerċjali, ta' l-affarijiet li huma taw sabiex ikunu jistgħu jinbiegħu f'dan il-Bazaar.

**Grazzi ħafna.**



# IL-MADONNA TA' LORETO

## Żejt fuq it-tila: 54 x 42cm
## Antonio Falzon (1840)



**Dan il-kwadru jurina l-Madonna bilqiegħda fuq id-dar imsejħa ta' "Nażaret" b'binha Ġesù fuq irkobbtejha, merfugħa minn tlett anġli waqt il-vjaġġ tagħha lejn l-Italja fejn illum hi magħrufa bħala l-Madonna ta' Loreto. 'Il fuq, fl istess kwadru jidhru żewġ anġli oħra bil-ġilji f'idejhom, simbolu tas-safa u l-qdusija li jirriflettu, f'dan il-każ, b'mod partikulari fuq wiċċ il-Madonna.**

Antonio Falzon (1805-1865) hu wieħed mill-artisti "Nażari" Maltin li, b'reazzjoni għall-istil Barokk, jevita l-effetti tad-dawl fuq l-iskur; għall-kuntrarju jifrex id-dawl fuq il-kwadru kollu. B'dan l-istil Falzon joħroġ il-figuri b'dettalji u linji preċiżi mpittra b'kuluri qawwija u ħajjin speċjalment l-aħmar u l-ikħal. Il-kwadru li għandna quddiemna huwa ta' dan l-istil imsejjaħ ukoll "purista". Antonio Falzon pitter din it-tila fl-1840.

Ta' l-istess awtur għandna wkoll ritratt tal-Gran Mastru H. Loubenx de Verdalle li jinsab fil-Mużew tal-Provinċja u żewġ kwadri oħra ta' San Franġisk u San Duminku fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Kalkara. Ta' Falzon kienu wkoll il-Via Sagra u kwadru żgħir ta' Santa Filomena fil-knisja tagħna, il-Floriana, sa qabel il-gwerra. •

# IL-BAŻILIKA TA' SAN FRANĠISK



**Il-belt t'Assisi ta' żmien San Franġisk kienet bil-wisq iżgħar minn dik li nafu llum speċjalment min-naħa tal-lvant għall-punent. Il-fdalijiet tal-ħitan tal-belt tas-seklu 13 għadhom mikxufa sa llum. Wieħed jista' jilmaħhom fl-Arco del Seminario (via san Francesco), fl-Arco dei Pucci (Corso Mazzini) u f'Via Porta Perlici u Sant'Apollinare.**

**F'din is-sensiela ta' artikli se nagħtu ħarsa lejn il-belt li fiha twieled u għex San Franġisk kif ukoll postijiet oħra li huma marbuta mal-ħajja ta' dan il-qaddis. Fl-ewwel parti ta' din is-sensiela se ngħaddu xi informazzjoni ġenerali dwar il-bażilika li tiddomina lil din il-belt iddedikata li dan il-qaddis.**

Il-Bażilika ta' San Franġisk u l-kunvent kbir li hemm madwarha jiffurmaw parti essenzjali minn mawra fil-belt t'Assisi u jsawru l-qalba u ruħ reliġjuża ta' din il-belt. Anki mill-bogħod, id-dehra maestuża ta' l-arkati kbar li jżommu l-bini tal-bażilika u l-kunvent, ġa jolqtu għajnejn dak li jkunqed iżur din il-belt.

Fil-fatt, minħabba l-karatteristiċi naturali li naraw fiċ-ċentru tar-reġjun ta' l-Umbria, il-periti u dawk li kienu l-moħħ wara dan il-bini kellhom bilfors isibu spazju xieraq għall-bini tal-knisja. Hu għalhekk li kellhom jagħmlu struttura ta' arkati maħsuba li jkunu sisien sodi għal dan il-bini.

Id-dawra tagħna mal-belt tibda minn fejn hemm il-Pjazza ta' l-Unifikazzjoni ta' l-Italja qrib il-bieb magħruf bħala ta' San Franġisk fin-naħa tal-punent tal-belt. Wara li tgħaddi minn pjazza żgħira, Ruggeri Bronghi, wieħed jgħaddi għal Triq Frate Elija, li sserrep qalb id-djar imżejna b'għadd ta' pjanti u fjuri. Din it-trejqa twasslek għall-pjazza tan-naħa t'isfel tal-bażilika ta' San Franġisk.

Hekk kif wieħed jasal f'din il-pjazza, mill-ewwel jilmaħ fuq iż-żewġ naħat grupp ta' arkati li jeħduna lura għall-1400. Probabbilment dawn inbnew sabiex iservu bħala kenn għal bosta pellegrini u morda li kienu jżuru lil din il-belt, kif ukoll biex jilqgħu lin-negozjanti li kienu jbiegħu l-prodotti tagħhom hemmhekk. Il-pjazza flimkien mal-bażilika serviet għal sekli sħaħ bħala ċentru fejn bosta nies jiltaqgħu u jitolbu flimkien. Xi snin ilu din il-pjazza laqgħet fiha diversi mexxejja ta' reliġjonijiet u denominazzjonijiet għal skopijiet ekumeniċi.

L-idea li tinbena l-bażilika ġiet wara l-mewt ta' San Franġisk. Fra Elija, li kien suċċessur tal-fqajjar t'Assisi fit-tmexxija ta' l-Ordni, xtaq li jagħti l-għola ġieħ lil dan il-qaddis billi jibni tempju kbir li fih kellhom jitpoġġew il-fdalijiet tal-qaddis.



Bil-kontribuzzjoni u l-għajnuna tal-Papa Girgor IX, li fehem x'kienet is-sejħa tal-qaddis t'Assisi u nkuraġġih biex ikompli f'dik it-triq, flimkien ma' benefatturi oħra li taw offerti ġenerużi, bdiet tinbena din il-knisja monumentali.

Sa mill-bidu, dan il-maqdes kien maħsub sabiex ikollu żewġ knejjes fuq xulxin. Wara li fl-1228 Fra Elija reġa' kien ikkonfermat fit-tmexxija ta' l-Ordni, jiġifieri sentejn wara l-mewt ta' San Franġisk, hu ta bidu għal din l-opra. Dan seħħ ftit wara l-kanonizzazzjoni tal-qaddis li seħħet fis-16 ta' Lulju 1228.

Il-qafas tal-bini tal-bażilika ħa ta' l-inqas sentejn biex jitlesta. Dan kollu juri d-determinazzjoni u l-fervur li mexxew 'il quddiem lil dawk li ħadu sehem f'dan il-proġett. Fil-fatt, fl-1230 kien possibbli li jkun ittrasferit il-ġisem tal-qaddis mill-knisja ddedikata lil San {orġ għal dan it-tempju ġdid.

Wara li x-xogħol bażiku tlesta fejn l-istil gotiku jiddomina, il-bini tkompla b'numru ta' ħidmiet li servew sabiex jissebbaħ iżjed dan it-tempju. Fit-tieni stadju ta' dan il-proġett li fih ħadu sehem artisti differenti, ix-xogħol mexa iżjed bil-mod. L-iskop issa kien intlaħaq, jiġifieri dak li l-ġisem tal-qaddis ikun midfun f'post xieraq.

Il-knisja kienet ikkonsagrata fl-1253. L-istadju ta' dekorazzjoni tagħha beda bejn wieħed u ieħor f'dan iż-żmien. F'dan il-proċess ħadu sehem l-aqwa artisti ta' dak iż-żmien fosthom Pisano, Giotto, Cimabue, Cavallini u Lorenzetti. Dawn ilkoll taw sehemhom sabiex illum nistgħu nammiraw is-sbuħija tal-knisja li naraw quddiemna. •



# L-AMBAXXATUR TAL-MULEJ

**minn Paul Bonniċi**

Kibret vokazzjoni qaddisa,
Biex isir saċerdot Kapuċċin;
F'isem Kristu jmur jgħallem lill poplu
Kif iħenn għall-batut, għall-miskin.

Sabiex jasal għall-ħolma ta' ħajtu,
Jitlob beda w jistudja bis-sħiħ;
Attent kien biex ikun eżemplari,
}alli l-għan ma jtirlux żgur mar-riħ.

Kien iħobb lill-Mulej bl-akbar ħerqa
Għax kien dejjem itih l-ewwel post;
U kien igħin lil kull proxxmu minn qalbu
Għaliex dan kien itih l-akbar gost.

U l-imħabba lejn Kristu tant kibret
Li ma xtaqx illi jżommha għalih;
Ried li bħalu l-bnedmin iħobbuh;
Jgħarfu l-Kristu jagħtuh qima w ġieħ.

Waslet fl-aħħar is-siegħa mixtieqa
Li ministru isir tal-Mulej;
O x'ferħ kbir ħass ġo fih f'dik il-għodwa!
Sar sa fl-aħħar ta' Kristu l-qaddej.

Beda jqarben u jqarar Filippu,
Hekk kien jismu il-patri il-ġdid;
Beda jqaddes u jagħti pariri;
Bosta farraġ u għamel il-ġid!

}ass il-ħtieġa li jmur għall-missjoni
Biex iservi fil-Kenja bagħtuh;
Sabiex ixandar il-bxara t-tajba,
Biex igħin lill-imċerċer, bil-ġuħ.

Jaħdem beda bla heda fil-Kenja;
Ma kienx jaf x'iġifieri waqfien;
U b'aħbaru qatt iżjed ma smajna;
Kien misteru, dan tiegħu l-għibien.

Iżda fl-aħħar bl-aħbar tiegħu smajna;
Ġie maqtul f'post imwarrab mistur;
Kien miet martri għall-fidi minn tiegħu;
}allas b'ħajtu, mar ħdejn is-Sinjur.



# Mhux bil-Ħobż Biss

**Fis-sena 2005 il-Jum Dinji ta' l-Ikel jiċċelebra s-Sittin Anniversarju minn meta bdiet l-UN Food and Agricultural Organisation. Rappreżentanti minn iktar minn 150 pajjiż inġabru f'Ruma, fejn l-FAO għandha l-kwartieri tagħha, biex ifakkru din l-okkażjoni.**

Waqt iċ-ċerimonja li saret il-Ħadd f'Ottubru, id-Direttur Ġenerali tal-FAO, Jacques Diouf, qal illi l-problema tal-ġuħ fid-dinja m'hijiex primarjament dik tal-produzzjoni. Skond press release tal-FAO li ħareġ ġimgħa qabel, Diouf qal lill-ġemgħa illi d-dinja għandha r-riżorsi u t-teknoloġija biex tipproduċi kemm għandha bżonn ikel. Għandha biex tilqa' għad-domanda tal-popolazzjoni li qiegħda tiżdied, kif ukoll biex ittemm l-ġuħ u l-povertà.

Uffiċjal tal-FAO ħareġ sfida għall-mexxejja tad-dinja. "Nispera", qal Diouf, "illi l-għerf jwassal biex imexxi l-politikanti jiddeċiedu d-destin tad-dinja u r-raġuni tirrenja, sabiex huma jieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq l-armonija soċjali f'dinja ta' solidarjetà u paċi, u mhux għall-interessi personali li jwasslu għal-inġustizzji u taħwid soċjali."

Waqt din iċ-ċerimonja, il-ministru Taljan għal-agrikultura u foresti, Gianni Alemanno, ġbed l-attenzjoni li għandha tintwera lil Afrika u għal iktar kollaborazzjoni ma' organizazzjonijiet li m'humiex governattivi. Huwa qal ukoll illi meta telimina l-ġuħ huwa iktar każ illi 'tħalli lil nies li qed ibatu l-ġuħ ikunu f'pożizzjoni aħjar li jieħdu l-ikel tagħhom'.

Diouf f'diskors innota li sar progress konsiderevoli biex tonqo l-estremità tal-ġuħ f'diversi forom. Sa mill-1960 il-proporzjon tal-popolazzjoni tad-dinja li kien qed ibati minn nuqqas ta' ikel naqas minn 35% għal 13%. B'danakollu, madwar 852 miljun ruħ għadhom jbatu minn xi forma ta' ġuħ, qal Diouf. Ukoll, ftit mis-sistemi intensivi ta' l-agrikultura li ppermettew tkabbir m'humiex sostenibbli u għandhom effetti negattivi fuq l-ambjent, l-ekonomija, soċjalment u kulturalment.



Is-segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan, l-Kardinal Angelo Sodano, ukoll indirizza l-laqgħa tal-FAO. "Li neliminaw il-ġuħ", ikkummenta l-Kardinal Sodano, "jinvolvi iktar milli nassiguraw illi l-mekkaniżmu tas-suq jiffunzjona tajjeb u li npoġġu f'posthom il-mezzi tekniċi biex nassiguraw l-għola livelli ta' produzzjoni agrikola."

Il-Kardinal Sodano ħeġġeġ lill-parteċipanti biex jerġgħu jiskopru s-sens kollu tal-persuna umana, nibdew bil-ħajja familjari, li hi l-post fejn aħna nitgħallmu dwar is-solidarjetà u kif għandna naqsmu ma' xulxin. Hu qalilhom dwar kif il-Knisja tappoġġja l-isforzi tagħhom biex jgħinu l-bniedem, kif fil-prattika tfisser l-ftuħ għall-ħajja, rispett lejn l-ordni u kif għandna nżommu mal-prinċipji etiċi li jiffurmaw il-bażi tal-ħajja soċjali.

## MILJUNI JMUTU

Kull sena l-FAO tippubblika rapport dwar il-ġuħ. L-iktar edizzjoni riċenti, 'L-Istat ta' Insigurta ta' l-Ikel fid-Dinja 2004', kien ppublikat fit-8 ta' Diċembru. Skond dan ir-rapport, il-ġuħ u n-nuqqas ta' nutrizzjoni joqtlu iktar minn 5 miljun tifel kull sena, u din tqum lill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw biljuni ta' dollari fi produttività mitlufa u dħul nazzjonali.


The Sydney Morning Herald

EXTENT OF CRISIS REVEALED

20,000 die each day

Kif ukoll, kull sena l-ġuħ jwassal sabiex iktar minn 20 miljun tarbija jitwieldu taħt il-piż f'dawn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dawn it-trabi jiffaċċjaw riskju ikbar li jmutu fl-infanzja tagħhom filwaqt li dawk li jirnexxielhom jibqgħu ħajjin isofru minn xi disabbilità fiżika jew disabbilità oħra tul ħajjithom kollha.

Ir-rapport jagħti importanza tal-benefiċċji ekonomiċi li jiġu jekk neliminaw il-ġuħ. Huwa stmat illi l-pajjiżi jiffaċċjaw madwar tletin biljun dollaru fi spejjeż diretti biex jikkumbattu l-effetti negattivi tal-ġuħ, kif ukoll l-ispejjeż indiretti tat-telf ta' produttività u dħul finanzjarju. Il-FAO targumenta illi għal kull dollaru nvestit biex inaqqas il-ġuħ jista' jħalli minn 5 sa 20 darba iktar f'benefiċċji. Wieħed mill-*Millennium Development Goals* huwa li jnaqqas bin-nofs in-numru tan-nies bil-ġuħ fid-dinja sas-sena 2015. Imma, skond ir-rapport tal-FAO, dan in-numru kiber għal 852 miljun fis-snin 2000-2002, 'il fuq bi tmintax il-miljun min-nofs is-snin disgħin 'l hawn. B'danakollu, dan l-għan ta' l-2015 jista' xorta jintlaħaq, jgħid ir-rapport. Iktar minn 30 pajjiż, li jirrappreżentaw kważi nofs il-popolazzjoni tad-dinja li qed tiżviluppa, naqqsu n-numru ta' nies bil-ġuħ b'ta' l-inqas ħamsa u għoxrin fil-mija matul is-snin disgħin.

Il-ġuħ huwa problema kbira f'pajjiżi li jsofru minn diżastri naturali u diżastri li joħloqhom il-bniedem. James Morris, li huwa direttur eżekuttiv fil-Programm Dinji ta' l-Ikel tan-Nazzjonijiet Uniti, analizza s-sitwazzjoni preżenti f'diskors li huwa għamel fl-10 t'Awissu waqt il-laqgħa tal-World Affairs Council f'San Francisco.

## JINHBEW

Fl-2004, Morris innota illi l-Programm Dinji ta' l-Ikel għen 113 miljun ruħ fi tmenin pajjiż. Imma l-problemi li dawn in-nies jiffaċċjaw irċevew ftit attenzjoni mill-media. Infatti huwa osserva li madwar tmienja fil-mija biss ta' l-imwiet ikkawżati mill-ġuħ jiġru f'emerġenzi umanitarji li huma rrapurtati fuq it-televiżjoni. Il-maġġoranza l-kbira ta' dawk li jmutu bil-ġuħ huma "Moħbijin f'partijiet remoti tad-dinja li ġeneralment ma jiġux innotati mill-pubbliku u l-media", qal Morris.

Kif ukoll l-għajnuna f'ikel qed tonqos. Waqgħet bi tletin fil-mija fis-sena 2004, minn 10.3 miljun tunellata fl-2003 għal 7.5 miljun



tunellata fl-2004. Morris ukoll semma n-nuqqas ta' għajnuna finanzjarja għall-agrikultura, li hu ddeskriva bħala l-element ewlieni sabiex titwaqqaf din il-kriżi ta' l-ikel. Għalkemm l-għajnuna kollha li tingħata mill-gvernijiet żdiedet f'dawn iż-żminijiet, l-ammont ta' flus mogħti għall-agrikultura niżel minn 12% għal 4% ta' l-Assistenza Uffiċjali ta' l-Iżvilupp.

Hemm tama li l-ġuħ u l-povertà f'pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jitnaqqsu jekk jitnaqqsu l-ostakli tal-kummerċ u s-sussidji tal-gvern fl-agrikultura. Hemm taħdidiet għaddejjin fil-World Trade Organisation f'dan ir-rigward. Skond rapport tal-BBC ta' l-10 t'Ottubru 2005, Rob Portman, rappreżentant tas-Suq ġo l-Istati Uniti, qal li l-Istati Uniti se jnaqqsu drastikament is-sussidji mogħtija lill-bdiewa.

Parti minn din il-proposta tinvolvi l-qtugħ ta' sussidji agrikoli b'60% qabel l-2010, bit-tariffi tal-kummerċ mnaqqsa b'90%. Peter Mandelson, Kummissarju tal-Kummerċ fl-Unjoni Ewropea, qal ukoll illi l-EU kienet lesta li għall-inqas tnaqqas bin-nofs l-ogħla tariffi fuq importazzjoni tal-biedja. Imma l-qbil dwar dan għadu mbiegħed. Ukoll il-BBC għamel rapport li hemm dubji dwar dak li ppropona Mandelson minħabba l-oppożizzjoni mill-Ministru tal-Kummerċ Franċiż, Ms Christine Lagarde.

## DINJITÀ UMANA

Il-Papa Benedittu XVI bagħat ittra lid-Direttur Ġenerali tal-FAO biex tiċċelebra l-Jum Dinji ta' l-Ikel. Fil-messaġġ tiegħu datat 12 t'Ottubru, il-Papa enfasizza li l-għanijiet li għandha l-FAO jistgħu biss jiġu milħuqa jekk tiġi s-salvagwardjata d-dinjità umana - il-bidu u t-tmiem tad-drittijiet fundamentali – u din issir il-kriterju li taspira u tmexxi l-isforzi tal-Ġnus Magħquda.

Il-Papa qal ukoll illi tissolva l-problema tal-ġuħ meta din titpoġġa għal attenzjoni tal-komunità internazzjonali għaliex kulħadd hu fid-dmir li jieħu ħsieb ħutu. Huwa żied jgħid ukoll illi flimkien ma' dak li qed jikkawża l-ġuħ minħabba l-ġeografija u l-klima tal-pajjiżi, il-ġuħ huwa kkawżat ukoll minn fatturi umani. Dawn jinkludu l-egoiżmu u n-nuqqas t'attenzjoni lejn il-bżonnijiet tan-nies ta' madwarna li jirriżultaw li l-persuna umana tiġi kkunsidrata sempliċement strument.

Waqt li jinnota tema għas-sena tal-Jum Dinji ta' l-Ikel hija 'L-Agrikultura u d-Djalogi tal-Kulturi', il-Papa josserva illi l-progress tekniku jrid jiġi ndirizzat f'kuntest ikbar. Dan jfisser li l-persuna umana trid tiġi fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni, meta nieħdu inkonsiderazzjoni n-natura tal-bżonnijiet tiegħu u l-aspirazzjonijiet tiegħu. Waqt li jikkwota mill-Bibja, il-Papa jgħid li ***"Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix."*** •

# IMMIGRAZZJONI/2

## L-ekonomija li lilhom iċċaqlaqhom u lilna torbotna.

**"Refuġjat ekonomiku mhux refuġjat ġenwin, imma immigrant illegali."**

**Ħafna, b'hekk, jagħmlu distinzjoni. B'refuġjat ekonomiku nkunu qed infissru persuni li ma jkunux ippersegwitati politikament. Dawn huma persuni li jaħarbu minn pajjiżhom biex isibu futur aħjar minħabba l-miżerja u l-ġuħ. U għal dawn jidher li m'għandniex post, ħlief xi stalla 'l hawn u 'l hinn.**

### IL-KAWŻI TAL-FAQAR

Fil-prattika x'nifhmu b'ekonomija? Nifhmu l-mod li bih nipproduċu, inqassmu u nikkunsmaw il-ġid. Nifhmu r-ritmi li bihom jimxu dawn. Nifhmu l-mod li bih naqilgħu l-għajxien u r-rabtiet/relazzjonijiet ma' nies oħra (sidien, konsumaturi, ħaddiema oħra) li dan jinvolvi. Hi ħaġa ċerta li l-ekonomija tinfluwenza l-mod li bih naħsbu u nġibu ruħna, anki f'oqsma li fid-deher m' għandhomx rabta ma' l-ekonomija: bħar-reliġjon, il-morali u l-gosti tagħna: sabiħ li naraw u l-ikrah li naraw. Ngħidu aħna, jekk ikolli naħdem tmien sigħat kuljum biex ngħix, ma nilħaqx immur quddiesa kuljum, ma nistax insegwi l-programmi kulturali interessanti li jixxandru filgħodu jew filgħaxija fit-tard fuq it-televiżjoni. Wisq probabbli imma jkolli nitqanna b'xi Grande Fratello. Aktarx nispiċċa naċċetta l-ugwalità bejn is-sessi fuq ix-xogħol biss jekk il-paga tlegħi tkun baxxa. Jekk jien student xejn ma jdarrasni wisq ħlief jekk imissuli l-istipendji.

Jekk nimxu fuq dan il-mudell, naraw li kull azzjoni li nagħmlu, sempliċi kemm hi sempliċi, imqar jekk xegħlt ir-radju tal-karozza u smajt diska, għanda xi rabta diretta jew indiretta ma' l-ekonomija. Ħwejjeġ bħall-Gwerra ta' l-Iraq, il-ġlied tar-ribelli fin-Nepal, ir-riklam li rajt fuq it-televiżjoni, il-ġugarell li talbek tixtrilu t-tifel, il-lezzjonijiet fl-iskola u l-pinzellati ta' xi artist huma marbuta ma' l-ekonomija: mal-produzzjoni u t-taqsim tal-ġid. Issa l-ekonomija imposta fuq id-dinja llum hi l-ekonomija tas-suq jew l-ekonomija kapitalista. Ir-ritmi u l-valuri ta' din jidħlu fina bħad-demm fil-vini jew in-nifs li nieħdu f'ħalqna. Mhux hekk biss. Affarijiet bħal dawn isiru għalina naturali daqs ix-xemx li titla' filgħodu.

Issa l-ekonomija tas-suq titlob li ma jistax ikun li kulħadd ikun sinjur. Inkella kif isir il-qliegħ? Min se jagħmel ix-xogħol tqil u li ħadd ma jrid jagħmel? Min se jmur fuq il-*production lines* tal-fabbriki kieku kulħadd sinjur? Kif se tistagħna kumpanija multinazzjonali jekk il-prodott primarju hu għali? Titlob ukoll li biex ikun hemm qligħ, fin-negozjar bejn parti u oħra (ħaddiem-sid, bejjiegħ-xerrej, eċċ), parti trid tagħti aktar milli tieħu, u parti oħra tieħu anqas milli tagħti. Inkella nibqgħu fejn aħna u ħadd ma jagħmel qligħ. Titlob ukoll kompetizzjoni bejn nies li għandhom interessi differenti u kuntrastanti. Jekk jirnexxieli nisloħ aħjar lill-ħaddiema tiegħi, aktar se ngawdi. Aktar ma jirnexxieli nagħmel hekk, aħjar għalija.

Insomma, hemm il-flus u hemm il-faqar u fin-nofs wied li dejjem jikber...

Ħafna kampanji tal-karità jwasslu l-uċuħ tal-faqar fi djarna, fuq it-televiżjoni u b'mezzi oħrajn. Saru kemm-il kunċert biex jispiċċa l-faqar. Din il-kelma skomda tgħallimna ngħixu magħha minn meta nkunu żgħar. Fid-dinja hawn nies fqar u nies sinjuri. "U aħna x'aħna, ma?" "Aħna sinjuri żgħar għall-grazzja t'Alla." U nibqgħu ma nifhmux eżatt ghaliex il-Mulej (u dan jiġi abbuż kbir ta' l-użu tal-kelma Mulej) lilna kkonċedielna din il-grazzja u lil ħafna oħrajn le. "Msieken, ma niflaħx narahom. Qalbi tingħasar. Naqliblu..." Dawn is-sensi ta' ħtija jikbru fina bħala parti minn kuxjenza 'Nisranija' ffurmata minn snin ta' għajdut u affarijiet meqjusin 'naturali'. Il-fqar minn dejjem...msieken.



"...l-ekonomija tas-suq titlob li ma jistax ikun li kulħadd ikun sinjur. Inkella kif isir il-qliegħ?"

U nagħtu l-karità, bilqiegħda fuq sufan. Imma din l-istampa dejqa u inġusta wisq. Inġusta għax il-fatt li jeżisti l-faqar meta fid-dinja hawn biżżejjed riżorsi għal kulħadd hi sitwazzjoni inġusta. Is-sitwazzjoni hi li l-pajjiżi sinjuri, 'il-Punent', għandhom il-mezzi kollha biex jiżguraw li jibqgħu sinjuri billi jżommu lill-pajjiżi fqar, 'it-tielet dinja', oppressi u fqar. Hi sitwazzjoni ta' inġustizzja. Dan bħal qisu għandek raġel li qed imexxi ħmar marid u mġewwaħ 'l fejn irid hu billi jdendillu karrotta, karrotta li qatt mhu se jilħaqha. Il-karrotta, biex nifthiemu hi d-djun, is-self mill-World Bank, il-kumpanji multinazzjonali, eċċ. U b'xi mod, aħna li nħossuna komdi bil-globalizzazzjoni qegħdin mgħarrqa f'dan kollu.

## ŻAGĦŻUGĦ TA' TMINTAX-IL SENA...

Żagħżugħ Niġerjan ta' tmintax-il sena x'futur għandu quddiemu? X'joħlom? Għaliex hu fqir dan iż-żgħażugħ Niġerjan? Il-passat kolonjali tiegħu jista' jispjegalna xi affarijiet. Jista' jispjegalna kif kumpaniji multinazzjonali fin-Niġerja, bħax-Shell, għadhom jikkontrollaw l-ekonomija Niġerjana, b'mezzi legali u oħrajn inqas legali. Nistgħu nifhmu għaliex m'hemmx kwiet f'pajjiż bħal dan. Nistgħu nifhmu t-tensjonijiet kbar li jinħolqu ta' kuljum, bejn l-ekonomija dinjija u l-ħajja tqila ta' kuljum, f'pajjiż bħal dan. U dan iż-żagħżugħ jaf x'qed jitlef għax fil-gazzetti, fuq il-billboards, jara x'hemm fil-Punent. Jara lil pajjiżu sinjur fir-riżorsi, imma li dawn qed jitilqu lil hinn. U joħlom... Dan *pattern* li rajnieh iseħħ matul iż-żminijiet. Hekk il-poter, id-dipendenza ta' pajjiż fuq ieħor, sar inqas politiku u ħafna iktar ekonomiku.

U dan iż-żagħżugħ jiddeċiedi li jaħrab minn dak kollu; li jirriskja biex il-futur forsi jidħaqlu. U jekk ma jindifinx fl-ilmijiet tal-Mediterran, jasal l-Italja, jew forsi fostna hawn Malta. U jinfetaħlu kapitlu ieħor ta' swied il-qalb...

## X'INHU XOGĦOLNA?

Fir-relazzjonijiet ta' bejna u dawn il-povri terġa tidħol l-ekonomija. "Jeħdulna xogħolna", "il-pajjiż ma jiflaħx għalihom", "Dawn piż". U dawn il-kummenti jiġu minn ħaddiema li xi ftit bħal ħuthom mit-tielet dinja daqu ftit il-faqar, beżgħu u stinkaw mhux ftit għall-ħobża ta' kuljum. U mhux li ma tifhimhiex sitwazzjoni bħal din. Jitkellmu l-iżjed dawk in-nies li jħossuhom f'riskju. U fuq kollox il-mexxejja tal-ħaddiema jieħdu vantaġġ minn din is-sitwazzjoni u qegħdin ikomplu jifirdu lill-ħaddiema Maltin minn sħabhom ħaddiema Niġerjani, Eġizzjani, Palestinjani, u l-bqija. U jinsew li s-solidarjetà hi l-aqwa arma li kellha l-klassi tal-ħaddiema biex tegħleb il-kruhat u l-kuntradizzjonijiet ta' l-ekonomija kapitalista.

Fl-opinjoni tagħna, xogħolna, speċjalment bħala Nsara, hu li nħarsu u nifhmu l-affarijiet minn din il-lenti wkoll. U li nsemmgħu leħinna bil-kliem u bl-azzjonijiet tagħna. Xogħolna hu li nemmnu (u nitolbu) li l-affarijiet m'għandhomx ikunu hekk u jkollna l-fidi li mhux se jibqgħu hekk. •

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aħseb u Wieġeb

1. Il-bidwi jmidd idu...
   *a. għall-qoffa b. biex jiekol ċ. għall-minġel (Mk 4,29)*
2. X'kien jismu l-qaddis minn ta' Abija?
   *a. Kajfa b. Żakkarija ċ. Nikodemu (Lq 1,5))*
3. Fejn biddel Ġesù l-ilma f'inbid?
   *a. Ġerusalem b. Nażaret ċ. Kana (Ġw 4,46))*
4. Min minn dawn ma kien jitlob magħhom?
   *a.* Pietru b. Ġuda l-Iskarjota ċ. Mattew *(Atti 1,13)*
5. F'liema gżira ġie eżiljat Ġwanni?
   *a. Patmos b. Ċipru ċ. Malta (Apk 1,9)*
6. Ġesù qal liċ-ċenturjun...
   *a. Ma nistax niġi b. niġi jien infejqu ċ. għandi x'nagħmel (Mt 8,7)*
7. ma' xiex inqabbluha s-Saltna t'Alla?
   *a. Fjura sabiħa b. Siġra kbira ċ. Żerriegħa tal-mustarda (Mk 4,31)*
8. L-anġlu qallu biex li-tifel isemmih...
   *a. Toni b. Mikiel ċ. Ġwanni (Lq 1,13)*
9. F'dawn il-loġoġ kienu joqoġħdu...
   *a.* nies jippassiġġaw b. bejjiegħa ċ. kotra ta' morda *(Ġw 5,3)*
10. Dehrulhom ilsna qishom...
   *a. tan-nies b. tan-nar ċ. ta' l-art (Atti 2,3)*

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana VLT 14.**

**Ir-Rebbieħa ta' Jannar 2006 hija: Daphne Anne Pollacco - San Ġwann**

**Nifirħulek!**

# TISLIBA - 60




1. Dan kien ixewwex. (Ġuda 11) **(5)**
2. Hekk jagħmlu minn ibni. (Mk 12,6) **(6)**
3. la l-għadab u lanqas din. (bar 1,13) **(5)**
4. u 12. kemm il-bniedem u kemm dan. (Ġona 3,8) **(8)**
5. Rassni mill-għonq tagħha. (-Ġob 30,18) **(4)**
6. Kornu, ..., ċetra, arpq. (Dan 3,5) **(5)**
7. Ta' Sur u... (Ġdt 2,28) **(5)**
8. Lotra ta' dawn u tfixkil. (2 Mak 2,24) **(5)**
9. Jiġġerrew fuq din. (Żak 1,10) **(3)**
10. Dan nagħmlu fuq iċ-ċetra. (S 49,5) ( **(7)**
11. Hekk qalulu jagħmel. (Ġw 4,31) **(3)**
12. Ara 4.
13. Dawn kienu jibdew fit-tramuntana. (Ġoż 18,12) **(6)**
14. Ta' l-opri tajba, mhux tas-siġar. (Kol 1,10) **(5)**
15. Fuq liema naħħa qagħad. (Lhud 1,3) **(5)**
16. It-tielet waħda lil dan. (2 Sam 18,2) **(5)**
17. Jgħallmuh... lil oħrajn. (2 Tim 2,2) **(5)**
18. *Tajt trobbija* u kabbart. (Is 1,2) **(7)**
19. Iżakk reġa' ħammilhom. (Ġen 26,18) **(4)**
20. Il-kotba tal-Makkabin. **(3)**
21. Bħalhom fi Kristu. (1 Kor 3,1) **(5)**
22. Għoġol u muntun fuq kull wieħed. (Num 23,2) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR 2006:**

***1. Iħobb; 2. Glorja; 3. Nfaħt; 4. u 12. Rewwixta; 5. Ismi; 6. Ġusta; 7. Ħalef; 8. Ersqu; 9. Bir; 10. Ħawwilt; 11. Dar; 12. Ara 4.; 13. Tranja; 14. Ittra; 15. Herqa; 16. Idoli; 17. Itqal; 18. Timtedd; 19. Mosè; 20. Art; 21. Resaq; 22. Lejla.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14***

**Ir-Rebbieħa ta' Jannar 2006 hija: Margaret Zammit - San Ġwann. Nifirħulek!**







# HIELSA U KUNTENTA F'ĦAJJA TA' QADI FIS-SKIET

**Kelli 15-il sena meta f'dispramont bdejt infittex sens f'ħajti li jibbilanċja l-vojt li kelli ġewwa fija meta minn Malta mort l-Ingilterra mal-familja tiegħi. Din it-tfittxija bdiet twassalni iktar sabiex jiena nsib lil Alla b'mod personali fit-talb u jiena nemmen li dan kien il-bidu għal dan li ġej. Ftit xhur wara, waqt missjoni parrokkjali, il-kelliem qal lil dawk preżenti: "Il-Mulej qed isejjaħ lilek." Dawn il-kelmiet niffduni bħall-vleġġa u ħassejt li kienu għalija għalkemm ma kontx għadni fhimt eżatt x'kienu jfissru: il-qari, it-talb u li nwieġeb għal riklami vokazzjonali. Wara ftit, mill-kuntatt li kelli ma' kongregazzjoni Franġiskana, kont maħkuma mill-ispirtu ta' San Franġisk t'Assisi u kif hu fittex li jimxi wara Ġesù fil-povertà u fis-sempliċità.**

Din l-avventura ta' l-imħabba tiegħi ħadet rotta oħra meta kelli 18-il sena. F'mument statiku, leħen żgħir ġo fija kien bħal donnu qed jgħidli b'insistenza biex nerġa' lura lejn l-Klarissi l-Foqra, direzzjoni mhix mistennija għax meta kont għamilt kuntatt żgħir ma' din l-Ordni s-sena ta' qabel, ma ħassejtni xejn miġbuda lejhom. Kull ma kont naf hu li kienu Ordni tal-Klawsura, joħorġu mill-monasteru biss f'okkażjonijiet rari ħafna u speċifiċi u kienet b'anzjetà kbira li jiena ddeċidejt li nżurhom. Dan il-pass bidilli ħajti. Kif irfist ġewwa l-monasteru, ħassejt immedjatament sens qawwi ta' paċi u ferħ. Ironikament kien ġo l-għeluq tal-monasteru stess li jien esperjenzajt dan is-sens kbir ta' libertà u ħajja mimlija.

L-Ordni ta' Santa Klara, mgħaruf ukoll bħala tal-Klarissi l-Foqra, bdiet fl-1211 meta Santa Klara t'Assisi, li għexet fi żmien San Franġisk, kienet talbitu biex iħalliha tingħaqad miegħu u ma' ħutu f'din il-ħajja ġdida li kienu jgħixu huma billi jimxu wara Ġesù f'ħajja ta' povertà u sempliċità, ħajja totalment tiddependi minn Alla. Għalhekk Santa Klara bdiet din is-sezzjoni tan-nisa ta' l-Ordni Franġiskan, tgħin l-ħutha f'ħajja ddedikata totalment lil Alla fit-talb. Illum l-Klarissi jammontaw għal madwar 20,000 u huma mifruxa fil-ħames kontinenti.

Wara l-istudji tiegħi Universitarji rritornajt lura Malta u ngħaqadt mal-Klarissi fl-4 t'Ottubru 1987, l-ewwel sena bħala postulanta u fis-sentejn ta' wara bħala novizza. Dawn kienu sentejn intensi ta' formazzjoni, dħalt iktar fil-fond tal-ħajja tiegħi ta' talb, tkabbir fl-ispiritwalità tiegħi ta' Santa Klara u tħejjija tal-bażi ta' ħajja komunitarja flimkien ma' erba' ħuti żgħar oħra. Fl-1990 jiena għamilt il-Wegħdiet Temporanji - għerusija tiegħi mal-Mulej. Tliet snin wara, f'Ottubru ta' 1993, il-ħolma tiegħi li niddedika lili nnifsi kollni kemm jien lil Alla f'offerti ta' tifħir kienet issiġġillata fil-Wegħdiet Solenni għal ħajti. Dan kien mument kbir ta' ferħ għalija li fisser ħajja mimlija għal ħafna snin ta' stennija u fl-istess ħin kien il-bidu ta' avventura ġdida u eċċitanti ta' mħabba m'Alla.

Kull ħaġa li kelli f'ħajti bħala Klarissa kienet twassalni għand Alla. It-talb, ix-xogħol, il-mistrieħ... Kollha kienu misuġa flimkien f'offerta ta' tifħir lil Alla bħala interċessjoni għal umanità kollha. Lejl u nhar, dan it-talb kontinwu jitla' lejn l-Mulej waqt li twassal lilu l-ferħ u n-niket tan-nies tiegħu, biex jitfa' fuqhom il-grazzji tiegħu. Ħafna kienu dawk li jiktbulna, iċemplu jew jiġu personalment jitolbuna b'ħerqa biex nitolbu għalihom u għal dawk kollha li jħobbu. Kull talba li ssirilna hija għalina affirmazzjoni ta' kemm għandu valur it-talb f'ħajjitna, nimirħu 'l barra u mmissu lil ħutna nisa u rġiel permezz ta' dan l-appostolat silenzjuż u moħbi. Kull ġurnata ġdida ssaħħilna fina s-sens ta' ħajja mimlija li jien esperjenzajt mill-ewwel darba li jien żort il-monasteru tal-Klarissi 18-il sena ilu u jien għidt lili nnifsi – **"Din hija ħajja li veru ta' min jgħixha!"** •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
P. Crispin Tabone OFMCap,
Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**